31997D0178

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-10 ta' Frar 1997
dwar id-definizjoni ta' metodoloġija fuq it-tranżizzjoni bejn is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali fil-Komunità (ESA 95) u s-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Ekonomiċi Integrati (ESA it-tieni edizzjoni)

(Test b'relevanza maż-ŻEE)

(97/178/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsdrat l-Artikolu 8(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità [1], u l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom tat-13 ta' Frar 1989 fuq l-armonizazzjoni tal-kompilazzjoni tal-prodott gross nazzjonali fil-prezzijiet tas-suq [2],

Billi il-Kummissjoni tantiċipa t-tneħħija ta' riservi fuq l-istimi tal-GNP ta' l-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 1998;

Billi hemm differenzi bejn ir-riżultati ġejjin mill-użu ta' l-ESA 95 u l-użu ta' l-ESA tat-tieni edizzjoni;

Billi sabiex ikun applikat l-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 2223/96 fuq l-ESA 95, huwa meħtieġ li jiġu identifikati, sa mhux iktar tard minn Diċembru 1996, id-differenzi bejn l-ESA 95 u t-tieni edizzjoni ta' l-ESA u biex jiġi evalwat l-impatt tagħhom, sabiex tinkiseb l-informazzjoni għall-GDP u l-GNP skond it-tieni edizzjoni ta' l-ESA mill-informazzjoni għall-GDP u GNP skond l-ESA 95;

Billi, jekk jiġu identifikati aktar differenzi bejn it-tieni edizzjoni ta' l-ESA u l-ESA 95 li għandom impatt fuq il-GDP jew GNP wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri, skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2223/96, sabiex ikun modifikat l-Anness ta' din id-Deċiżjoni;

Billi l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li timplimenta d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom fuq is-sistema tar-riżorsi tal-Kummissjoni stess [3], jipprovdi li, flimkien ma' l-Istat Membru interessat, il-Kummissjoni għandha kull sena tinspezzjona l-aggregati provduti għall-għanijiet tar-riżorsi tagħha stess, speċjalment f'każijiet notifikati mill-Kumitat tal-GNP;

Billi il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni għandhom ikunu applikati, waqt li jitqies il-prinċipju tal-prezz/effettivitá waqt li tassigura kwalitá tajba għall-stimi ta' l-GDP u GNP;

Billi il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/130/KEE, Euratom,

(1) ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1.
(2) ĠU L 49, tal-21.2.1989, p. 26.
(3) ĠU L 155, tas-7.6.1989, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-differenzi fid-definizzjonijiet bejn it-tieni edizzjoni ta' l-ESA u l-ESA 95 li kienu identifikati u miftiehma mill-Kumitat tal-GNP qabel il-31 ta' Diċembru 1996 u li għandhom impatt fuq il-GDP jew il-GNP huma elenkati fl-Anness. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw u jiddokumentaw kull waħda minn dawn id-differenzi fid-definizzjonijiet, billi japplikaw il-prinċipju mfassal fl-Artikolu 2. Huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni u l-ispjegazzjonijiet meħtieġa fuq kull waħda mid-differenzi skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 89/130/KEE, Euratom.

Artikolu 2

L-informazzjoni dwar il-GNP bbażata fuq it-tieni edizzjoni ta' l-ESA u fornita b'konformità mad-Direttiva 89/130/KEE, Euratom u l-informazzjoni dwar il-GDP ikkomunikata konformement mar-Regolament tal-Kunsill (KE) 3605/93 tat-22 ta' Novembru 1993 fuq l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv annessa mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea [1], joħorġu minn informazzjoni bbażata fuq l-ESA 95 u trasmessa mill-Istati Membri konformement ma' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2223/96 b'aġġustament ta' l-informazzjoni l-aħħar imsemmija sabiex jitqies l-impatt tad-differenzi fid-definizzjonijiet bejn it-tieni edizzjoni ta' l-ESA u l-ESA 95 iċċitat fl-Artikolu 1.

Dan il-prinċipju jista' jkun imqassar fl-ekwazzjonijiet li ġejjin:

(a) informazzjoni tal-GDP ibbażata fuq it-tieni edizzjoni ta' l-ESA

- informazzjoni tal-GDP bbażata fuq l-ESA 95

- is-somma ta' l-ammonti kwantifikati għad-differenzi fid-definizzjonijiet bejn l-ESA 95 u it-tieni edizzjoni ta' l-ESA imsemmija fl-Artikolu 1;

(b) informazzjoni tal-GNP ibbażata fuq it-tieni edizzjoni ta' l-ESA

- informazzjoni tal-GNP ibbażata fuq l-ESA 95

- is-somma ta' l-ammonti kkwantifikati għad-differenzi fid-definizzjonijet bejn l-ESA 95 u it-tieni edizzjoni ta' l-ESA iċċitat fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

1. Id-dispożizzjonijiet preskritti fl-Artikoli 1 u 2 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jgħoddu għal:

(a) informazzjoni tal-GNP għas-sena 1998 u s-snin sussegwenti li tingħata konformement mad-Direttiva 89/130/KEE, Euratom, u waqt li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/728/KE, Euratom tal-31 ta' Ottubru 1994 fuq is-sitema tar-riżorsi tal-Komunitajiet Ewropej stess [2] tibqa' fis-seħħ;

(b) informazzjoni tal-GDP għas-sena 1998 li tingħata għall-għanijiet tar-Regolament (KE) 3605/93.

Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jgħoddu ukoll għal:

(ċ) informazzjoni tal-GNP u l-GDP għas-snin mill-1995 sa l-1997, li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu fuq il-bażi ta' l-ESA 95 għall-għanijiet tad-Direttiva u r-Regolament imsemmi fil-paragrafu 1 (a) u (b).

2. Meta tingħata informazzjoni koperta b'1 (ċ), l-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni, jikkommunikaw l-ammonti riżultanti mid-differenzi fid-definizzjonijiet bejn it-tieni edizzjoni ta' l-ESA u l-ESA 95.

Artikolu 4

Jekk id-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom tibqa' fis-seħħ wara il-31 ta' Diċembru 1999, il-Kummissjoni tirrevedi id-Deċiżjoni preżenti u tieħu, jekk ikun meħtieġ, il-miżuri xerqa.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Frar 1997.

Għall-Kummissjoni

Yves-Thibault DE SILGUY

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 332, tal-31.12.1993, p. 7.

[2] ĠU L 293, tat-12.11.1994, p. 9.

ANNESS

IL-BIDLIET MILL-*ESA 79* GĦALL-*ESA 95* LI JAFFETTWAW IL-PGD (PRODOTT GROSS DOMESTIKU) JEW IL-PGN (PRODOTT GROSS NAZZJONALI)

Il-Lista tal-bidliet

Il-bidliet li ġejjin tal-kunċett b'impatt fur il-PGD jew il-PGN huma deskritti f'dan l-istudju:

1. Il-Kriterji tar-residenza
2. Is-Servizzi ta' l-intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (*Fisim*)
3. L-Assikurazzjoni
4. Il-Qligħ mill-investiment dirett
5. Id-Dħul mill-imgħax
6. It-Tkabbir naturali kkultivat tal-pjanti
7. Is-*software* tal-kompjuterijiet u *databases* kbar
8. It-Tagħmir u l-vetturi militari, għajr għall-armi tal-gwerra
9. Ix-xogħol għaddej dwar is-servizzi
10. In-Nefqiet fuq l-esplorazzjoni tal-minerali
11. Il-Konsum tal-kapital fiss fuq it-toroq, pontijiet, eċċ.
12. Il-Liċenzi u l-piżijiet tal-gvern
13. Il-Valutazzjoni tal-produzzjoni għall-użu finali akklont tiegħu nnifsu u l-produzzjoni ta' mill-attivitajiet volontarji
14. Il-Għatba (livell stabbilit) ta' oġġetti ta' kapital
15. Il-Kriterji tas-suq/mhux tas-suq
16. Is-Sussidji
17. IL-Oriġinali tad-divertiment, letterarji u artistiċi
18. Is-Servizzi assoċjati mal-liċenza sabiex jintużaw l-oriġinali tad-divertiment, letterarji u artistiċi
19. Il-Garaxxijiet
20. It-Taxxi fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi mħallsa mill-familji
21. Il-Pagi u s-salarji in natura
22. Il-Liċenzi sabiex jintużaw f'attivi intanġibbli u mhux prodotti
23. It-Taxxi tal-bolol

It-Terminoloġija

Huwa l-waqt fejn għandha ssir rimarka *a priori* li tirrigwarda t-terminoloġija. Għandu jiġi osservat illi numru ta' kunċetti mill-*ESA 79* elenkati fil-kwestjonarju rigward il-PGD ġew aboliti fl-*ESA 95*. Eżempji ta' dan huma l-produzzjoni fi prezzijiet tas-suq (*P10*), il-valur gross miżjud bi prezzijiet tas-suq (*N1p*) u l-konsum finali fuq it-territorju ekonomiku (*P3B*). Madankollu, il-fatt illi ċerti kunċetti ta' l-*ESA 79* ġew mibdula b'oħrajn iktar pertinenti fl-*ESA 95* ovvjament ma jfissirx illi ma jistgħux jiġu kkumpilati l-kunċetti l-qodma fil-kuntest ta' l-*ESA 95*. L-aggregati ta' l-*ESA 79* jistgħu, naturalment, jiġu kkalkolati mill-kontijiet iddettaljati nazzjonali fuq il-bażi ta' l-*ESA 95*, sakemm kull waħda mill-bidliet fil-kunċett titqies b'mod separat. Saħansitra minkejja illi l-valur miżjud gross bi prezzijiet tas-suq mhux kunċett fih innifsu fl-*ESA 95*, huwa evidentement b'tifsira li wieħed jitkellem u jnissel il-valur miżjud gross bi prezzijiet tas-suq, mogħti illi l-komponenti kollha li jikkostiwixxu l-aggregat huma stmati skond ir-regoli ta' l-*ESA 95*.

It-Tabella sommarja

L-impatt ta' kull waħda mill-bidliet ta' hawn fuq rigward il-kunċett huwa ssommarizzat fit-Tabella 1.

It-Tabella 1 tiddeskrivi l-moviment mill-*ESA 79* għall-*ESA 95*. Il-kolonni fit-tabelli jikkorrispondu mal-bidliet tal-kunċett u jiġu identifikati min-numri fuq il-lista ta' hawn fuq tal-bidliet. Fit-tabella, "+" jissinifika impatt b'sinjal pożittiv fuq l-oġġett fil-kwistjoni, "*P*" impatt negattiv, "*x*" impatt li jista' jiġri imma li s-sinjal tiegħu ma jistax jiġi stabbilit *a priori*.

Il-Ħtiġet tar-rappurtaġġ

Id-dokument jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-bidliet xi kultant komplessi tad-definizzjonijiet bejn l-*ESA 79* u l-*ESA 95* u għalhekk l-analiżijiet ippreżentati jidħlu fid-dettal ħafna. Il-grad tad-dettal ma għandhux jinftiehem bħala ħtieġa tar-rappurtaġġ.

It-Tabella 1

Il-Qlib mill-*ESA 79* għall-*ESA 95*

	IL-KWESTJONARJU TAL-PGN (*ESA 79*)	Il-Bidla tan-numru tal-kunċett																						
		Il-Kodiċi ta' l-*ESA*	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16	17	18	19	20	21	22	23
	L-AVVIĊINAMENT SKOND IL-PRODUZZJONI																								
1	Il-Produzzjoni ta' l-oġġetti u s-servizzi (bil-prezzijiet tal-produtturi, minbarra l-*VAT* iffatturat)	*P*10	x		+			x	x	x	x		+		+		x	–	+	+	+	+	+	+	+
2	Il-Konsum intermedju (bil-prezzijiet tax-xerrejja, minbarra l-*VAT* deduttibbli)	*P*20	x	x	+				–	–		–		+		+		–	+	+	+		–	+	+
3	Il-Valur miżjud gross bi prezzijiet tas-suq (minbarra l-*VAT*)	*N*1*p*	x	x	x			x	+	+	x	+	+	–	+	–	x	–	x	x	+	+	+	x	+
4	Il-*VAT* fuq il-prodotti	*R*21																							
5	It-Taxxi marbuta ma' l-importazzjonijiet (minbarra l-*VAT*)	*R*29																				+			
6	Is-Sussidji ta' l-importazzjonijiet	*R*39																							
	L-AVVIĊINAMENT SKOND IN-NEFQA																								
7	Il-Konsum finali nazzjonali tal-familji	P3*Ap*	x	+	+									+	+		x	–	–		+	+	+		+
8	Il-Konsum finali tal-familji residenti fil-bqija tad-dinja	P32	x		x																				
9	Il-Konsum finali tal-familji mhux residentri fuq it-territorju ekonomiku	*P*33	x		x																				+
10	Il-Konsum finali tal-familji fuq it-territorju ekonomiku	*P*3*Bp*	x	+	+									+	+		x	–	–		+	+	+		+
11	Il-Konsum kollettiv ta' l-istituzzjonijiet privati li ma jagħmlux qligħ	*P*3*Bp*		+	+				x					–	–	x	x		–	x				x	+
12	Il-Konsum kollettiv tal-gvern ġenerali	*P*3*Bp*		+	+				x	x			+	–	–	x	x		–	x				x	
13	Il-Konsum finali fuq it-territorju ekonomiku	*P*3*B*		+	+				x	x			+	–	x	x	x	–	–	x	+	+	+	x	–
14	Il-Formazzjoni tal-kapital fiss gross	*P*41		+	+					+			+	–									+		
15	Il-Bidliet fil-ħażniet	*P*42	x					x			x														
16	L-Esportazzjonijiet ta' l-oġġetti u s-servizzi	P50	x	+	+																	+	+	x	+
17	L-Importazzjonijiet ta' l-oġġetti u s-servizzi	*P*60	x	+	+														+	+	x			+	
18	Il-Bilanċ ta' l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet	*P*50-60	x	x	x														x	x	x			x	
	L-AVVIĊINAMENT SKOND ID-DĦUL																								
19	Il-Kumpens lill-impjegati mħallas mill-unitajiet residenti	R10	x																						
20	L-ammont żejjed gross operattiv fuq l-ekonomija	*N*2	x	x	x			x	+	+	x	+	+		+	–	x	–	x	x	+			x	
21	It-Taxxi marbuta mal-produzzjoni u l-importazzjonijiet	*R*20	x											–								+			+
22	Is-Sussidji tal-produzzjoni u l-importazzjonijiet	*R*30	x														x								
23	**IL-PRODOTT GROSS DOMESTIKU FI PREZZIJIET TAS-SUQ**	*N*1	x	x	x			x	+	+	x	+	+	–	+	–	x	–	x	x	+	+	+	x	+
24	Il-Kumpens ta' l-impjegati rċevut mill-bqija tad-dinja		x																				+		
25	Il-Kumpens ta' l-impjegati mħallas lill-bqija tad-dinja		x																				+		
26	Id-Dħul mill-proprjetà u mill-impreditorjat irċevut mill-bqija tad-dinja		x	x	+	+	x												–	–	X				
27	Id-Dħul mill-proprjetà u mill-impreditorjat imħallas lill-bqija tad-dinja		x	x	+	+	x												–	–	x				
28	**IL-PRODOTT GROSS NAZZJONALI FI PREZZIJIET TAS-SUQ**		x	+	x	x	x	x	+	+	x	+	+	–	+	–	x	–	x	x	+	+	x	x	+

Nota:
(+) L-Impatt b'sinjal pożittiv (ikbar minn jew daqs 0)
(-) L-Impatt b'sinjal negattiv (iżgħar minn jew daqs 0)
(*x*) L-Impatt jista' jiġri, sinjal mhux magħruf *a priori*
(*?*) Impatt li x'aktarx ma jkunx rilevanti għall-għanijiet tar-raba' riżors

1. **Il-Kriterji tar-residenza**

Il-Kliem ta importanza kbira (ċavetta)

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
L-Istudenti	207, 210*ċ*	2.10
L-Istallazzjoni tat-tagħmir	207	2.09 in-nota 1 fil-qiegħ tal-paġna
Il-Kostruzjoni fil-bqija tad-dinja	207	2.09 in-nota 1 fil-qiegħ tal-paġna, 2.15*a*

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 95* tagħti kriterji espliċiti tar-residenza għall-istudenti, l-istallazzjoni tat-tagħmir u l-attivitajiet tal-kostruzzjoni fil-bqija tad-dinja (*ROW*). F'kull wieħed mill-każjiet il-kriterji huma differenti minn dawk ta' l-*ESA 95*.

L-*ESA 95* tiddikjara illi l-istudenti jridu dejjem jiġu meqjusa bħala residenti f'pajjiżhom, irrispettivament mit-tul taż-żmien li jqattgħu barra minnu. Fl-*ESA 97* ingħataw ukoll kiterji tar-residennza daqstant espliċiti imma differenti (ir-regola ta' sena). Għalhekk hemm bidla ċara fir-regoli bejn l-*ESA 79* u l-*ESA 95*.

Rigward l-istallazzjoni tat-tagħmir u l-attivitajiet tal-kostruzzjoni li jikkostitwixxu l-formazzjoni ta' kapital fiss gross fil-bqija tad-dinja, l-*ESA 95* tagħti wkoll gwida partikolari u espliċita dwar ir-residenza. Fil-każ ta' l-istallazzjoni tat-tagħmir, il-produzzjoni tiġi rreġistrata fil-pajjiż ta' l-oriġini, mhux fil-pajjiż ta' l-istallazzjoni. Fil-każ ta' l-attivitajiet tal-kostruzzjoni fil-bqija tad-dinja li jikkostitwixxu l-formazzjoni tal-prodott gross fiss, il-produzzjoni hija rreġistrata fit-territorju fejn issir il-kostruzzjoni.

L-ESA 79 ma tagħti l-ebda gwida partikolari f'dan l-aħħar żewġ każijiet. Għahekk, il-kriterji tar-residenza li jridu jiġu applikati għal dawn l-attivitajiet skond l-*ESA 79* humal-kriterji ġenerali moħtija fil-paragrafu 207 (jiġifieri, tiġi invokata r-regola ta' sena għalbiex tiġi deċiża r-residenza) B'hekk ikun hemm bidla fil-kriterji li jridu jiġu aplikati f'kull wieħed miż-żewġ każijiet bejn l-*ESA 79* u l-*ESA 95*. Skond l-*ESA 95*, is-servizzi ta' l-istallazzjni ma jitqesux iktar bħala l-produzzjoni tat-territorju fejn issir l-istallazzjoni saħansitra jekk l-attività ddum għal iktar minn sena. Skond l-*ESA 95* ukoll, l-attivitajiet tal-kostruzzjoni li jikkostitwixxu l-formazzjoni ta' kapital fiss gross jitqiesu bħala l-produzzjoni tat-territorju li fih isir ix-xogħol tal-kostruzzjoni, saħansitra jekk l-attività ddum għal mill-inqas sena. Għandu jiġi nnotat illi minkejja dawn il-bidliet l-impatt prattiku fuq il-PGN x'aktarx li jkun żgħir jew żero fil-każ ta' ħafna mill-proġetti individwali (ara l-ispjega mogħtija hawn taħt li tirrigwarda l-bgħit tal-qligħ mill-unitajiet residenti nozzjonali).

Il-Konsewgwenzi tal-bidliet

It-trattament il-ġdid ta' l-istudenti li jkunu qegħdin jistudjaw barra minn pajjiżhom huwa rilevanti biss għall-PGN safejn u sakemm jirrigwarda l-mogħdija mill-PGD għall-PGN. Id-dħul irċevut jew imħallas minn dawn l-istudentri jista' jitqies bħala qligħ irċevut/imħallas mill-pajjiż ospitatur fl-*ESA 79* iżda mill-pajjiż tat-twelid fl-*ESA 95*. L-ammonti involuti jistgħu jidhru li fil-prattika x'aktarx ikunu żgħar.

Għalhekk l-attenzjoni teħtieġ li tiġi ffokata biss fuq iż-żewġ ħaġiet l-oħra.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, l-istallazzjoni tat-tagħmir barra mill-pajjiż li tissodisfa r-regola ta' sena ta' l-*ESA 79* titqies bħala produzzjoni tar-*ROW* fl-*ESA 79*, iżda bħala produzzjoni domestika skond lir-regoli ta' l-*ESA 95*. B'kuntrast ma' dan, l-attività tal-kostruzzjoni fir-*ROW* li tikkostitwixxi l-formazzjoni tal-kapital fiss gross imwettaq mill-produtturi residenti li ma jissodisfax ir-regola ta' sena ta' l-*ESA 79* tiġi rreġistrata bħala produzzjoni ta' l-ekonomija domestika skond ir-regoli ta' l-*ESA 79* imma bħala produzzjoni tar-*ROW* skond ir-regoli ta' l-*ESA 95*. Il-konsewgwenzi ta' dan rigward il-produzzjoni, il-konsum intermedju u l-valur miżjud gross huma mmarkati fit-Tabella 1.

Mogħti illi t-transazzjonijiet involuti rrigwardaw kemm l-attività ta' istallazzjoni u tal-kostruzzjoni mill-unitajiet ta' produtturi residenti istituzzjonali barra mill-pajjiż u minn unitajiet ta' produtturi mhux residenrti istituzzjonali fuq it-territorju domestiku, is-sinjal ta' l-impatt nett ma jistax jiġi stabbilit *a priori*.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, it-trattament il-ġdid ta' l-istudenti għandu implikazzjonijiet fuq il-konsum tal-familji; dawn il-bidliet huma kkontrobilanċjati mill-bidliet għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet. It-trattament il-ġdid tas-servizzi ta' l-istallazzjoni u tal-kostruzzjoni fir-*ROW* għandu implikazzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tas-servizzi. Terġa', is-sinjal ta' l-impatt nett irid jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi tal-pajiż.

Fl-avviċinament skond id-dħul, it-trattament il-ġdid tas-servizzi ta' l-istallazzjoni u tal-kostruzzjoni barra mill-pajjiż it-tnejn x'aktarx li jrid ikollhom impatt sinifikanti fuq il-kumpens ta' l-impjegati kif ukoll fuq l-ammont żejjed operattiv. Ġaladarba t-transazzjonijiet involuti huma t-tnejn lejn u mill-bqija tad-dinja, is-sinjali ta' l-impatt nett iridu jiddependu fuq iċ-ċirkostanzi partikolari.

Fl-aħħarnett, rigward il-mogħdija minn PGD għall-PGN, l-effetti tat-trattament il-ġdid tas-servizzi ta' l-istallazzjoni u l-kostruzzjoni barra mill-pajjiż fuq il-kumpens ta' l-impjegati u d-dħul mill-proprjetà jirriflettu dawk diġà ttrattati skond l-avviċinament skond id-dħul.

Għandu jiġi nnotat illi l-ħolqien jew le ta' unità nozzjonali residenti għall-attività tal-kostruzzjoni fir-*ROW* mill-unitajiet tal-produtturi residenti istituzzjonali huwa newtrali fil-livell tal-*GNI* skond ir-regoli ta' l-*ESA 95*, barra minn kull kumpens ta' kapital fiss attribwit lill-użu tal-makkinarju u t-tagħmir fuq is-sit barrani tal-kostruzzjoni, dan nhux bilfors il-każ skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*. In-nuqqas tan-newtralità skond ir-regoli ta' l-*ESA 79* huwa minħabba t-trattament differenti tal-qligħ miżmum fuq l-investiment dirett barranti fiż-żewġ sistemi. Madankollu, ġaladarba kull qligħ miżmum mill-kumpaniji li ma għandhomx interess ekonomiku fuq it-territorju ekonomiku tal-pajjiż fejn ikun lokat is-sit tal-kostruzzjoni jrid, skond id-definizzjoni, jiġi rrimpatrijat fi żmien sena, il-problema tal-qligħ miżmum trid bilfors tkun limitata għal għażla dwar jekk iridx jiġi rreġistrat ammont żejjed operattiv mogħti ġġenerat mill-attività tal-kostruzzjoni barra mill-pajjiż fis-sena *P*1 jew fis-sena *t*.

Rigward il-konsum tal-kapital fiss, li jikkostitwixxi komponent ta' l-ammont żejjed gross operattiv, dan jiġi rreġistrat fil-pajjiż fejn il-produttur jitqies li jkun residenti u għalhekk jgħodd bħala parti tal-PGD/PGN ta' dan il-pajjiż. Fil prattika, jista' jidher mhux probabbli li konsum tal-kapital fiss jista' jiġi kkalkolat għal-proġetti individwali tal-kostruzzjoni, u dan iwassal b'mod effettiv li l-konsum kollu tal-kapital fiss jiġi rreġistrat fil-pajjiż tas-sid tal-makkinarju u t-tagħmir.

Għalhekk il-kwistjoni hija jekk il-ħolqien jew le ta' unità nozzjonali residenti rigward l-attività tal-kostruzzjonifir-*ROW* jistax jitqies bħala li hu newtrali għal raġunijiet prattiċi rigard il-PGN.

Fl-aħar każijiet, il-kwistjoni trid taffettwa biss il-ħin tar-reġistrazzjoni jiġifieri d-distribuzzjoni ta' PGN mogħti bejn sentejn ġirien, sakemm naturalment it-transazzjonijiet kollha jiġu rreġistrati b'mod korrett fil-kontijiet.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li proġett tal-kostruzzjoni f'pajjiż B li jdum inqas minn sena, jiswa 1 000 u jeħtieġ konsum intermedju ta' 200 u kumpens lill-impjegati ta' 400, jitwettaq minn intrapriża tal-pajjiż A. Fuq is-sit tal-kostruzzjoni jaħdmu biss ħaddiema residenti fil-pajjiż A, u l-materjali kollha jinxtraw mill-pajjiż B. Skond ir-regoli ta' l-*ESA 95* is-sit tal-kostruzzjoni huwa ttrattat bħala unità nozzjonali residenti fil-pajjiż B, filwaqt li skond ir-regoli ta' l-*ESA 79* ma tinħoloq l-ebda unità nozzjonali minn din. L-ammont żejjed operattiv kollu jiġi mibgħut mill-intrapriża fil-pajjiż A matul il-perjodu taż-żmien tal-kontabbiltà interessat.

It-tabelli li ġejjin juru l-effetti fuq il-kontijiet tal-pajjiż A. Dawk tal-pajjiż B huma simmetriċi. Innota illi n-newtralità tal-PGN tiddependi fuq li l-ammont żejjed operattiv jiġi rimess fl-istess perjodu taż-żmien tal-kontabbiltà.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġeti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	– 1 000	*P20*	– 200
P60	– 200	*P50*	– 1 000

Il-Kont tal-Produzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P20	– 200	*P10*	– 1 000
N1	– 800		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
R10	– 400	N1	– 800
N2	– 400		

Il-Kont tad-distribuzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N2	– 400
		R10 (residenti)	– 400
		R10 (mhux residenti)	+ 400
N3	+ 0	*R40*	+ 400

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N4	+ 0	*N3*	+ 0

Il-Kont tal-Kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N5	+ 0	*N4*	+ 0

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N5	+ 0

2. **Il-*Fisim***

Il-Kliem ċavetta (ta' importanza kbira)

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-*FISIM*	325 *ċ*)	L-Anness 1

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

Fl-*ESA 95*, id-deċiżjoni jekk il-*Fisim* iridx jiġi allokat lill-utenti jew le titħalla miftuħa. Trid tittieħed mill-Kunsill qabel it-tmiem tas-sena 1997. Fl-*ESA 79*, unità speċjali tikkonsma l-*Fisim* kollu, bi ftehim taċitu. It-trattament tal-*Fisim* huwa espliċitu kemm fl-*ESA 79* u kemm fl-*ESA 95*. Tkun trid issir bidla ċara tat-trattament bl-allokazzjoni tal-*Fisim* (jekk din id-deċiżjoni tiġi kkonfermata), b'impatt fuq il-PGN.

Il-Konsewgwenzi tal-bidla

Jekk jiġi deċiż li ma jiġix allokat il-*Fisim* lill-utenti skond l-*ESA 95*, ma jkun hemm l-ebda bidla li taffettwa l-kwestjonarju tal-PGN. Jekk, għall-kuntrarju, jiġi deċiż li l-*Fisim* jiġi allokat lill-utenti, ikun hemm riperkussjonijiet sostanzjali matul is-sistema kollha tal-kontijiet.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-konsum intermedju jaqa' bl-ammont tal-*Fisim* prodott fil-post li issa jkun allokat għall-użi finali u jiżdied bl-ammont tal-*Fisim* importat li jintuża bħala konsum intermedju. Billi jkun hemm żewġ effetti opposti, is-sinjal ta' l-impatt fuq il-konsum intermedju u l-valur miżjud gross ma jistgħux jiġu stabbiliti *a priori*. F'każijiet estremi, l-effett ta' l-importazzjoni jista' jkun dominanti. Madankollu, fil-prattika, l-effett mill-importazzjonijiet x'aktarx li jkun negliġibbli meta pparagunat ma' dak mill-produzzjoni tal-post, biex b'ħekk iwassal għal waqgħa fil-konsum intermedju u żieda fil-valur miżjud gross.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-ħaġiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-konsum finali jridu jkunu bla ħsara għal impatt pożittiv. Rigward il-konsum kollettiv, iż-żieda toħroġ minn żieda fil-konsum intermedju tal-produtturi mhux tas-suq tal-gvern ġenerali u ta' l-istituzzjonijiet privati ta' bla qligħ li jservu lill-familji (*PNPISH*ijiet) li tintitola żieda fil-produzzjoni vvalutata bħala s-somma ta' l-ispejjeż u b'ħekk fil-konsum kollettiv. Bl-istess mod, iridu jiġu affettwati l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' l-oġġetti u s-servizzi u l-bilanċ tagħhom, ġaladarba l-ħlasijiet ta' l-imgħax fuq is-self internazzjonali u d-depożiti jikkomprendu element tas-servizzi ta' l-intermedjazzjoni finanzjarja mkejjel b'mod indirett. Iridu jogħlew kemm l-esportazzjonijiet u kemm l-importazzjonijiet, filwaqt li ma jkunx magħruf *a priori* l-effett fuq il-bilanċ tagħhom. Għal din ir-raġuni, l-effett fuq il-PGN ma jistax jiġi stabbilit *a priori*, imma f'kuntest Ewropew huwa prattikament ċert li jkun pożittiv.

Fl-avviċinament skond id-dħul, l-ammont żejjed gross operattiv huwa l-ħaġa waħdiena affettwata. Terġa', minħabba l-importazzjonijiet tal-*Fisim*, is-sinjal ta' l-impatt nett ma jistax jiġi stabbilit *a priori*, imma jrid ikun pożittiv għajr f'ċirkostanzi estremi li mhux probabbli li jiġru fl-Unjoni Ewropea.

Rigward l-mogħdija mill-PGD għall-PGN, id-dħul mill-proprjetà rċevut mir-*ROW* jiġi mnaqqas bl-ammont li għandu x'jaqsam mas-self konċess lil dawk li ma jkunux residenti li issa jiġi ttrattat bħala esportazzjonijiet tas-servizzi (*Fisim*). Bl-istess mod, id-dħul mill-proprjetà mħallas lill-bqija tad-dinja jiġi miżjud bl-ammont li jkollu x'jaqsam mad-depożiti miżmuma minn dawk li mhumiex residenti li issa jiġi ttrattat bħala esportazzjonijiet tas-servizzi. Raġunament analogu jgħodd għall-importazzjonijiet tal-*Fisim*. Naturalment, ir-raġunament huwa illi l-mixi tal-ħlasijiet lejn u mir-*ROW* jissokta mhux mibdul. Ġaladarba jeżistu effetti opposti li għandhom x'jaqsmu s-self u d-depożiti, ma jistax jiġi stabbilit *a priori* s-sinjal ta' l-impatt nett fuq id-dħul mill-proprjetà lejn u mir-*ROW*. Dak li huwa importanti, madankollu, huwa l-osservazzjoni illi l-impatt li jiġi allokat il-*Fisim* fuq il-bilanċtad-dħul mill-proprjetà rċevut minn għand u mħallas lir-*ROW* ipatti b'mod eżatt lil dak fuq il-bilanċ ta' l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Kollox ma' kollox, l-impatt tal-PGD ma jistax jiġi stabbilit *a priori* imma kważi dejjem irid ikun pożittiv fil-prattika attwali. B'kuntrast ma' dan, l-impatt fuq il-PGN huwa pożittiv mingħajr kondizzjoni, ġaladarba l-effett fuq il-PGD li jinħoloq mill-bilanċ ta' l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-*Fisim* jitpatta bl-effett fuq il-bilanċ tad-dħul mill-proprjetà lejn u mir-*ROW*.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu produzzjoni tal-Fisim egwali għal 1 000 b'500 imorri għall-konsum dirett tal-produtturi tas-suq, b'60 li jintużaw bħala konsum intermedju tal-produtturi mhux tas-suq u 500 bħala konsum tal-familji. L-esportazzjonijiet ikunu 400 u l-importazzjonijiet 500. Il-konsistenza tal-mixi gross ta' l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-*Fisim* u tad-dħul mill-proprjetà, kif preżunt f'dan l-eżempju, tista' ma tkunx realistika, imma għall-inqas il-mixi nett għandu jkun konsistenti.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 1 050	*P20*	+ 550
P60	+ 500	*P3B*	+ 600
		P50	+ 400

Il-Kont tal-produzzjoni				**Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul**				**Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul**			
L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi	
P20	+ 550	*P10*	+ 1 050	N2	+ 500	*NI*	+ 500	*R40*	– 500	N2	+ 500
N1	+ 500							N3	+ 600	*R40*	– 400

L-Użu tal-kont tad-dħul				**Il-Kont tal-Kapital**				**Il-Kont tal-bqija tad-dinja**			
L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi	
P3A	+ 600	*N3*	+ 600			*N4*	+ 0			*N5*	+ 0
N4	+ 0			*N5*	+ 0						

3. **L-Assikurazzjoni**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
L-Assikurazzjoni	315 (*k*)	3.63, l-Anness III

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L_*ESA 95* jiddefinixxi l-produzzjoni tas-servizzi ta' l-assikurazzjoni kif ġej:

> il-*premiums* attwali maqlugħa, flimkien mas-supplimenti tal-*premiums*, bil-pretensjonijiet misthoqqa mnaqqsa, biż-żidiet imnaqqsa (flimkien mat-tnaqqis) fid-disposizjonijiet tekniċi kontra r-riskji mhux imħallsa u d-disposizzjonijiet tekniċi rigward l-assikurazzjoni bi qligħ.

L-*ESA 95* ma ssemmix il-ħaġa "ħlasijiet supplimentarji fil-għamla ta' profitti mqassma". Dawn għandhom jiġu kkunsidrati pretensjonijiet, jekk ma jitħallsux lura lill-assikurazzjoni fil-għamla ta' supplimenti tal-*premiums* u tal-kontribuzzjonijiet li huma addizzjonali għall-*premiums* u l-kontribuzzjonali attwali li jridu jitħallsu.

Il-qligħ jew it-telf nominali kollu ta' l-azjenda huma esklużi meta jitkejlu l-bidliet fir-riserva tekniċi ta' l-assikurazzjoni.… "ma jridux jitqiesu bħala dħul mill-investiment tar-riserva tekniċi ta' l-assikurazzjoni u ma jridux jitqiesu bħala bidla fir-riserva attwarji u r-riserva għall-assikurazzjoni bi profitt". L-istess japplika għall-qligħ mhux imqassam ta' l-azjenda.

Il-paragrafu 4.68 jagħti regola għalbiex jitqassam id-dħul kollu mill-proprjetà f'parti miksuba mill-investiment tar-riserva tekniċi ta' l-assikurazzjoni u parti miksuba mill-investiment tal-fondi proprji, meta ma jkunx jinsab tagħrif iddettaljat fuq il-fondi li minnhom jiġi ġġenerat id-dħul. Meta jkun possibbli li jiġu distinti s-sorsi ta' l-investiment, ma jeħtieġx estmu tad-dħul mill-proprjetà ġġenerat mill-investiment tal-fondi proprji. F'dan il-każ, din ir-regola ma tibqax rilevanti iktar.

L-*ESA 79* jiddefinixxi l-produzzjoni tagħhom, billi juża terminoloġija differenti ħafna, kif ġej:

> l-ammont li bih il-*premiums* grossi maqlugħa jaqbeż is-somma ta': il-pretensjonijiet misthoqqa, flimkien mal-ħlasijiet supplimentarji għal min ikun assikurat fil-għamla ta' prodotti mqassma, flimkien mal-varjazzjonijiet fir-riserva attwarji kontra r-riskji li jibqgħu u l-varjazzjonijiet fir-riserva ta' l-assikurazzjoni bi qligħ, nieqsa l-imgħax inqas imputat li jakkumula għall-pussessuri tal-poloz ta' l-assikurazzjoni nieqsa l-profitti rrealizzati tal-kapital li jkunu fil-fatt imqassma.

— L-imgħaxijiet imputati jikkorrispondu għad-dħul imputat akkreditat lill-pussessuri tal-poloz ta' l-aasikurazzjoni kif ikun irreġistrat fil-kontijiet tal-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni.

Għalbiex dak li jkun jasal għal reġistrazzjoni konsistenti, l-imgħax imputat u l-kapital realizzat (jew l-azjenda) għandhom ikunu inklużi biss jekk joħolqu varjazzjoni fir-riserva attwarji ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskji li jibqgħu u fir-riserva għall-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni bi qligħ. Il-qligħ mhux irrealizzat ta' l-azjenda għandu jiġi esklużi fil-valutazzjoni tal-produzzjoni.

L-*ESA 79* teħtieġ l-inklużjoni ta' l-imgħax akkumulat għall-pussssuri tal-polza ta' l-assikurazzjoni (jiġifieri, il-parti ta' l-imgħax li jakkumula li jkun iddestinat għall-pussessuri tal-poloz ta' l-assikurazzjoni), filwaqt li l-*ESA 95* teħtieġ l-inklużjoni ta' l-ammont intier tas-supplimenti tal-*premiums* (jiġifieri, id-dħul kollu mill-proprjetà). B'hekk il-produzzjoni tas-servizzi ta' l-assikurazzjoni tiżdied bl-ammont tad-differenza bejn is-supplimenti tal-*premiums* u l-imgħax imputat li jiġi akkreditat lill-pussessuri tal-poloz ta' l-assikurazzjoni.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

It-twessigħ ta' l-iskop tad-dħul mill-investiment tar-riservi tekniċi ta' l-assikurazzjoni li jrid jiġi inkluż meta jitkejjel il-valur tas-servizz ipprovdut kemm lill-pussessuri ta' assikurazzjoni għall-ħajja u kemm għal dak mhux għall-ħajja jgħolli l-produzzjoni ta' l-intrapriżi ta' l-assikurazzjoni u l-valur tas-servizzi kkunsmati mill-pussessuri tal-poloz.

L-analiżi li ġej huwa msejjes fuq il-preżunzjoni illi l-assikurazzjoni mhux għall-ħajja ma tinvolvix riservi attwarji u riservi għall-assikurazzjoni bi qligħ. Fuq din il-preżunzjoni, il-valur tas-servizzi ta' l-assikurazzjoni mhux għall-ħajja huwa egwali għall-*premiums* grossi bil-pretensjonijiet imnaqqsa. Jekk, b'mod eċċezzjonali, l-assikurazzjoni mhux għall-ħajja toħloq reiservi attwarji, eċċ., il-bidla hija iktar komplessa.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-qlib għad-definizzjonijiet ta' l-*ESA 95* jgħolli l-konsum tal-produzzjoni u tal-konsum intermedju. Is-sinjal ta' l-impatt fuq il-valur miżjud huwa bil-fors pożittiv f'ekonomija magħluqa, imma f'ekonomija miftuħa l-importazzjonijiet tas-servizzi ta' l-assikurazzjoni jistgħu, fil-prinċipju, ireġġgħu lura s-sinjal ta' l-impatt fuq il-valur miżjud kollu fl-ekonomija. Għalhekk, *a priori*, is-sinjal ma jiġix stabbilit, imma fil-prattika huwa kważi ċert li jkun pożittiv minħabba l-effett dominanti ta' l-assikurazzjoni domestika.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-ħaġiet kollha li jinvolvu l-konsum finali jridu jkunu bla ħsara għal impatt pożittiv, ġaladara l-konsum finali tal-familji u l-konsum intermedju għal ġewwa l-produzzjoni tas-servzzi mhux tas-suq jiżdiedu bl-ammont tas-supplimenti tal-*premiums*.L-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tas-servizzi ta' l-assikurazzjoni t-tnejn jiżdiedu bl-ammont tas-supplimenti tal-*premiums*, filwaqt li jħallu mhux stabbilit l-impatt nett fuq il-bilanċ ta' l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet.

Fl-avviċinament skond id-dħul, irid jiġi affettwat l-ammont gross taż-żieda operattiva. Jekk ma jingħatax każ tat-transazzjonijiet ta' l-assikurazzjoni bir-*ROW*, l-impatt huwa pożittiv b'mod definit. Kif diġà nnotat iktar 'il fuq, meta jitqiesu t-transazzjonijiet barranija, is-sinjal ta' l-impatt ma jistax jiġi stabbilit *a priori*.

Rigward il-mogħdija mill-PGD għall-PGN, is-supplimenti tal-*premiums* li għandhom x'jaqsmu ma' l-esportazzjonijiet, fil-prinċipju jidhru bħala dħul mill-proprjetà lir-*ROW* u dħul mill-proprjetà mir-*ROW* rispettivament. Dan kemm jirrifletti l-fatt illi, fl-*ESA 95*, l-ewwel il-pussessuri tal-poloz jirċievu r-ritorni fuq l-attiv tagħhom fil-għamla ta' supplimenti tal-*premiums*, u wara jħallsu lura dawn is-supplimenti tal-*premiums* lill-assikuraturi bħala ħlas tas-servizzi ta' l-assikurazzjoni. Kull effett fuq il-PGD mill-impatt tas-supplimenti tal-*premiums* fuq il-bilanċ ta' l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet jiġi b'hekk innewtralizzat bl-effett fuq id-dħul mill-proprjetà fil-mogħdija mill-PGD għall-PGN, filwaqt li jagħmel is-sinjal ta' l-impatt fuq il-PGN pożittiv b'mod mhux ambigwu.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li jeżistu supplimenti tal-*premiums* fuq l-assikurazzjoni mhux għall-ħajja li jiswew 1 000 u li 550 minnhom għandhom x'jaqsmu mal-produtturi tas-suq, 50 mal-produtturi mhux tas-suq u 400 mal-konsumaturi. Ma jeżistu l-ebda supplimenti tal-*premiums* fuq l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tas-servizzi ta' l-assikurazzjoni.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 1 050	*P20*	+ 600
		P3B	+ 450

Il-Kont tal-Produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P20	+ 600	*P10*	+ 450
Ni	+ 450		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N2	+ 450	*NI*	+ 450

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N2	+ 450
N 3	+ 450		

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P3A	+ 450	*N3*	+ 450
N4	+ 0		

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N4	+ 0
N5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N5	+ 0

4. **Il-Qligħ investit mill-ġdid fuq l-investiment barrani dirett**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Qligħ investit mill-ġdid	427.2	4.64

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 95* tiddikjara li l-qligħ mill-investimenti investiti mill-ġdid għandhom jiġu rreġistrati skond id-dħul mill-proprjetà. Mill-banda l-oħra, meta l-*ESA 79* tiddeskrivi l-iskop tal-proprjetà u d-dħul intraprenditorjali, ma tikludix il-qligħ mill-invenstimenti diretti investiti mill-ġdid. Għalhekk, teżisti differenza ċara bejn iż-żewġ settijiet ta' linji gwida.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Din il-bidla tal-kunċett ma taffettwax il-PGD imma għandha impatt fuq il-PGN permezz tal-mixi tad-dħul mill-proprjetà u intraprenditorjali lejn u mir-*ROW*.

On the passage from GDP to GNP there is a positive impact on both property and entrepreneurial income to and from the ROW. Mal-mogħdija mill-PGD għall-PGN, jeżisti impatt pożittiv fuq kemm id-dħul mill-proprjetà u dak impreditorjali lejn u mir-*ROW*.Is-sinjal tal-bilanċ u għalhekk l-impatt nett fuq il-PGN ma jistgħux iġu stabbiliti *a priori*.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu illi l-ekonomija nazzjonali investiet mll-ġdid il-qligħ mill-ivestiment barrani diretti fil-pejodu taż-żmien tal-kontabbiltà egwali għal 1 000 u li r-*ROW* investa l-qligħ mill-ġdid għat-total ta' 800 fl-ekonomija domestika.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi	L-Użi

Il-Kont tal-Produzzjoni		**Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul**		**Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul**	
L-Użi	Ir-Riżorsi	L-Użi	Ir-Riżorsi	L-Użi	Ir-Riżorsi
	*R*40	+800	*R*40	– 1 000 *N*3	+ 200

L-Użu tal-kont tad-dħul		**Il-Kont tal-kapital**		**Il-Kont tal-bqija tad-dinja**	
L-Użi	Ir-Riżorsi	L-Użi	Ir-Riżorsi	L-Użi	Ir-Riżorsi
*N*4 + 200	*N*3 + 200	*N*5 + 200	*N*4 + 200		*N*5 + 200

5. **L-Imgħax**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Iż-Żmien tar-reġistrazzjoni	708	4.50

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 79* tiddikjara li l-imgħax għandu jiġi rreġistrat meta misthoqq. Mill-banda l-oħra, l-*ESA 95* tiddikjara illi l-imgħax għandu jiġi rreġistrat ħekk kif jakkumula. Id-differenza għalhkk tammonta għall-imgħax li akkumula iżda li ma jkunx għadu misthoqq għall-ħlas. Għalhekk, iż-żewġ settijiet ta' linji gwida jiddifferixxu b'mod espliċitu bejniethom fil-ħtiġiet tagħhom.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Din il-bidla fil-kunċett ma taffettwax il-*PGD*, għajr *via* l-effett permezz tal-*Fisim* fil-każ li jiġi deċiż li jiġi allokat il-*Fisim*. Madankollu, tibdel il-*PGN* b'mod diretti permezz ta' l-influwenza fuq id-dħul mill-proprjetà u intrapernditorjali lejn u mir-*ROW*.

Fil-mogħdija mill-PGD għall-PGN irid ikun hemm impatt fuq iż-żewġ dħul mill-proprjetà lejn u mir-*ROW*, li s-sinjal tagħhom jista' jkun pożittiv jew negattiv, jiddependi miċ-ċikostanzi tal-pajjiż.Is-sinjal ta' l-impatt nett fuq il-PGN ma jistax jiġi stabbiliti *a priori*.

6. **It-Tkabbir naturali kkultivat tal-pjanti**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Iż-Żmien tar-reġistrazzjoni	349, 352	3.58

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 79* tiddikjara illi l-produzzjoni tal-pjanti kkultivati tiġi rreġistrata mal-waqt li l-pjanti jiġu maħsuda (l-uċuh tar-raba maħsuda jew is-siġar maqtugħa). Mill-banda l-oħra, l-*ESA 95* tiddikjara illi l-produzzjoni tiġi rreġistrata kif il-pjanti jikbru. Jiġu rreġistrati fl-ewwel waqt bħala bidliet fix-xogħol għaddej u, iktar tard, bħala ħażniet ta' oġġetti mlestija meta l-pjanti jiġu maħsuda.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Għall-kontijiet nazzjonali ta' kull kwart ta' sena, il-prinċipju l-ġdid tar-reġistrazzjoni jrid ikollu implikazzjonijiet li jwasslu fit-tul għalbiex tiġi rreġistrata l-produzzjoni agrikola f'kontijiet mhux aġġustati skond l-istaġun. Fil-kontijiet ta' kull sena l-effetti jridu jkunu ħafna inqas u fil-biċċa l-kbira rilevanti għall-każijiet meta l-volum tal-pjanti jew ta' l-annimali ma jkunx stabbli imma jew jikber jew jonqos bejn sentejn imissu ma' xulxin.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-prinċipju l-ġdid tar-reġistrazzjoni jfisser bidla fil-produzzjoni u fil-valur miżjud li s-sinjal tagħhom ma jistax jiġi stabbilit *a priori*.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-ħaġa waħdiena affettwata hija l-bidla fil-ħażniet meta l-impatt ukoll ma jkunx jista' jiġi stabbilit *a priori*.

Fl-avviċinament skond id-dħul, il-kontroparti tal-bidla fil-valur miżjud tidher bħala bidla fl-ammont żejjed operattiv gross li, terġa', is-sinjal tagħha ma jistax jiġi stabbilit bil-quddiem.

Huwa żgur li jkun hemm impatt fuq il-PGD li s-sinjal tiegħu ma jingħatax *a priori*. Il-mogħdija mill-PGD għall-PGN tibqa' mhux affettwata bir-reġistrazzjoni l-ġdida tal-produzzjoni, filwaqt li tħalli l-influwenza fil-PGN egwali għal dak tal-PGD.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu illi fil-perjodu taż-żmien tal-kontabbiltà interesat, it-tkabbir tal-foresti kkultivati huwa 1 000, filwaqt li l-valur ta' l-injam maqtugħ u mibjugħ huwa egwali għal 700.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplfikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-registrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 300	*P42*	+ 300

Il-Kont tal-produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N1	+ 300	*P10*	+ 300

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N2	+ 300	*NI*	+ 300

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N3	+ 300	*N2*	+ 300

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N4	+ 300	N3	+ 300

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P45	+ 300	*N4*	+ 300
N5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N5	+ 0

7. **Is-*software* tal-kompjuterijiet u *databases* kbar**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Is-*software*	322 (*b*), 337	3.105 (*b*), 3.110 (*b*), 3.114 (*b*)

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 95* tiddikjara illi x-xiri tas-*software* u *databases* kbar għalbiex jintużaw fil-produzzjoni huma rreġistrati bħala attivi intanġibbli fissi ġewwa l-formazzjoni tal-kapital fiss gross, bħalma hija l-produzzjoni akkont tagħha nfisha ta' dawn il-ħaġiet.

L-*ESA 95* ma tagħti l-ebda gwida espliċita dwar ir-reġistrazzjoni tan-nefqiet fuq is-*software* u d-*databases* il-kbar. Irid ikun hemm fiduċja fil-gwida ġenerali fuq il-formazzjoni tal-kapital fiss gross u fuq il-konsum intermedju. Notabbilment, il-paragrafi riferiti hawn fuq jiddikjaraw illi l-konsum intermedju jinkludi l-elementi li ġejjin:

is-servizzi mixtrija matul il-perjodu taż-żmien rilevanti, għajr għal…, (l-eċezzjonijiet imsemmija jirrigwardaw it-trasferiment tal-pussess ta' l-oġġetti kapitali, eċċ., u s-servizzi tat-trasport u t-tqassim).

il-formazzjoni tal-kapital fiss gross tinkludi l-valur tas-servizzi inkorporati fl-oġġetti ta' kapital fiss.

Il-ħtiġiet ta' l-*ESA 79* rigward is-*software* huma għalhekk materja ta' interpretazzjoni. L-interpretazzjoni tas-soltu hija li l-*ESA 79* tittratta n-nefqiet fuq is-*software* li jinxtara bħala parti integrali ta' xirja maġġuri tal-*hardware*, bħala formazzjoni tal-kapital fiss gross, imma s-*software* mixtri jew żviluppat b'mod indipendenti jiġi ttrattat bħala konsum intermedju. Din hija l-istess interpretazzjoni kif iddikjarata fis-*SNA* 93 rigward l-interpretazzjoni tal-bidla bejn is-*SNA* 93 u s-*SNA* 68 (ara l-paragrafu 67 ta' l-Anness I mas-*SNA* 93).

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni tal-produtturi tas-suq tiżdied bil-produzzjoni akkont tagħha nfisha tas-*software* u *databases* kbar. Il-konsum intermedju jaqa' bl-ammont tas-servizzi mixtrija li jiġu kklassifikati mill-ġdid għall-formazzjoni tal-kapital fiss. Il-valur miżjud tal-produtturi tas-suq jogħla b'konsegwenza ta' dan.

Il-produzzjoni tal-produtturi mhux tas-suq hija bla ħsara għal żewġ effetti opposti: tnaqqis bħala konsegwenza tas-servizzi mixtrija li jiġu kklassifikati mill-ġdid mill-konsum intermedju għall-formazzjoni tal-kapital fiss gross, u żieda minħabba l-konsum addizzjonali tal-kapital fiss (kemm mixtri u kemm akkont tiegħu nnifsu). Is-sinjal ta' l-impatt totali fuq il-produzzjoni ma jistax jiġi stabbiliti *a priori*. Il-valur miżjud jogħla bħala konsegwenza taż-żieda fil-konsum tal-kapital fiss.

Fl-avviċinamenrt skond in-nefqa, il-konsum kollettiv tal-gvern ġenerali u l-*PNPISH* ijiet huma bla ħsara għal żewġ effetti. Minn banda waħda, il-konsum jinbidel bħala konsegwenza tal-bidla fil-produzzjoni mhux tas-suq. Mill-banda l-oħra, jonqos minħabba ż-żieda fil-formazzjoni tal-kapital fiss akkont tiegħu nnifsu. Il-formazzjoni tal-kapital fiss gross togħla bl-ammont tax-xiri tas-*software* ikklassifikat mill-ġdid flimkien mas-*software* intern.

Fl-avviċinament skond id-dħul, l-ammont żejjed gross operattiv jinbidel bl-istess kobor bħall-valur miżjud.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li x-xiri tas-*software* mill-produtturi tas-suq li jiswa 1 000 jiġi kklassifikat mill-ġdid mill-konsum intermedju għall-formazzjoni tal-kapital fiss gross. Nassumu wkoll illi l-produzzjoni akkont tagħha nfisha tas-*software* u tad-*databases* kbar mill-produtturi tas-suq tiġi vvalutata għal 150. Rigward il-produtturi mhux tas-suq, ix-xiri ta' *software* li jiswa 100 jiġi kklassifikat mill-ġdid mill-konsum intermedju għall-formazzjoni tal-kapital fiss gross. B'żieda ma' dan, il-produzzjoni akkont tagħha nfisha tas-*software* u d-*databases* kbar mill-produtturi tas-suq tiġi vvalutata għal 10. Fl-aħħarnett, il-konsum tal-kapital fiss li għandu x'jaqsam mas-*software* u d-*databases* kbar mill-produtturi mhux tas-suq jiġi kkalkolat għal 50.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Komtijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*. Il-bidla fil-konsum finali għandha x'taqsam mal-konsumm kollettiv tal-gvern ġenerali u tal *PNPI*jiet (P60 = P100+50).

Il-Kont ta' l-oħħetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi	L-Użi
P10 + 100	*P*20 – 1 100
	*P*3B – 60
	*P*41 + 1 260

Il-Kont tal-produzzjoni			**L-Użi**		**Ir-Riżorsi**	
Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul	Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul	Ir-Riżorsi	L-Użi	L-Użi	Ir-Riżorsi	
P20 – 1 100	*P*10 + 100		*NI* + 1 200		*N*2	+ 1 200
*N*1 + 1 200		*N*2 + 1 200		*N*3 + 1 200		

L-Użu tal-kont tad-dħul		**L-Użu tal-kapital**		**Il-Kont tal-bqija tad-dinja**	
L-Użi	Ir-Riżorsi	L-Użi	Ir-Riżorsi	L-Użi	Ir-Riżorsi
*P*3A – 60	*N*3 + 1 200	*P*41 + 1 260	*N*4 + 1 260		*N*5 + 0
*N*4 + 1 260		*NS* + 0			

8. **Oġġetti tal-militar li ma jinkisrux**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Konsum intermedju	323 (*f*)	3.70 (*e*)
Il-Formazzjoni tal-kapital fiss gross	340 (*ċ*)	3.107

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 79* tiddikjara illi dan li ġej irid jiġi inkluż fil-konsum intermedju u mhux fil-formazzjoni tal-kapital fiss gross: ix-xiri ta' oġġetti li ma jinkisrux mill-awtoritajiet militari; il-bini tal-militar (għajr għad-djar tan-nies fis-servizz), l-istallazzjonijiet tal-militar u tagħmir ieħor tal-militar.

Mill-banda l-oħra, l-*ESA 95* tiddikjara illi l-formazzjoni tal-kapital fiss gross tinkludi l-istrutturi u t-tagħmir użati mill-militar (simili għal dawk użati mill-produtturi ċivili) bħalma huma l-ajrudromi, il-bażiri, it-toroq u l-isptarijiet. Il-formazzjoni tal-kapital fiss gross teskludi l-armi militari u s-sistemi tagħhom ta' appoġġ. Dawn ta' l-aħħar jissoktaw jiġu inklużi fil-konsum intermedju.

Għalhekk, l-iskop tal-formazzjoni tal-kapital fiss gross fl-*ESA 95* jiġi miżjud bl-ammont tan-nefqiet fuq l-oġġetti tal-militar li ma jinkisrux għajr l-armi tal-gwerra u s-sistemi tagħhom ta' appoġġ. Ġaladarba l-iskop tal-formazzjoni tal-kapital fiss gross huwa ikbar, l-iskop tal-konsum tal-kapital fiss jiżdied kif jixraq.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Il-klassifika mill-ġdid ta' l-oġġetti tal-militar li ma jinkisrux għajr għas-sistemi ta' l-armi tal-gwerra mill-konsum intermedju fil-produzzjoni tal-servizzi mhux tas-suq għall-formazzjoni tal-kapital fiss gross tirriżulta wkoll f'żieda fil-konsum tal-kapital fiss li jidħol bħala komponent fil-valutazzjoni tal-produzzjoni tas-servizzi mhux tas-suq bħala s-somma ta' l-ispejjeż.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni tonqos minħabba l-waqgħa tal-konsum intermedju imma tiżdied b'riżultat taż-żieda fil-konsum tal-kapital fiss. Għalhekk, is-sinjal ta' l-impatt ma jistax jiġi stabbilit *a priori*. Il-konsum intermedju jaqa' b'mod ċar minħabba l-klassifika mill-ġdid ta' ċertu xiri ta' oġġetti li ma jinkistrux għall-formazzjoni tal-kapital fiss gross. Il-valur miżjud jogħla bħala konsegwenza taż-żieda fil-konsum tal-kapital fiss.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum kollettiv tal-gvern ġenerali jrid jiġi affettwat, imma s-sinjal ta' l-impatt ma jistax jiġi stabbilit bil-quddiem minħabba l-eżistenza ta' żewġ effetti f'direzzjonijiet opposti. Il-formazzjoni tal-kapital fiss gross trid togħla mingħajr ambigwità bħala konsegwenza ta' l-oġġetti tal-militar li ma jinkisrux.

Fl-avviċinament skond id-dħul, iż-żieda fil-konsum tal-kapital fiss gross tintitola li jogħla l-ammont żejjed gross operattiv.

Fl-avviċinamenti skond il-produzzjoni u d-dħul, l-effett nett fuq il-PGD huwa pożittiv mingħajr ambigwità. Billi ma jkun hemm l-ebda konsegwenzi fil-mogħdija mill-PGD għall-PGN, l-effett fuq il-PGN huwa egwali għal dak fuq il-PGD.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li fil-perjodu taż-żmien tal-kontabbiltà interessat, ix-xiri ta' l-oġġetti tal-militar li ma jinkisrux li jiswew 1 000 jiġi kklassifikat mill-ġdid mill-kosum intermedju għall-formazzjoni tal-kapital fiss gross. Barra minn hekk, bħala konsegwenza tal-klassifika mill-ġdid ta' l-oġġetti tal-militar li ma jinkisrux fl-istess perjodi taż-żmien kif ukoll f'perjodi iktar bikrija, il-konsum tal-kapital fiss jogħla b'100.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 100	*P*20	– 1 000
		*P*3B	+ 100
		*P*41	+ 1 000

Il-Kont tal-produzzjoni

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul		Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul	
P20	– 1 000	*P*10	+ 100
N1	+ 1 100		

L-Użi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
*N*2	+ 1 100	Ni	+ 1 100

Ir-Riżorsi

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*N*3	+ 1 100	*N*2	+ 1 100

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*P*3B	+ 100	*N*3	+ 1 100
*N*4	+ 1 000		

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*P*41	+ 1 000	*N*4	+ 1 000
*N*5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi	Ir-Riżorsi		
		*N*5	+ 0

9. **L-Inventarji tas-servizzi**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA* 79	L-*ESA* 95
Iż-Żmien tar-reġistrazzjoni	707	3.120
Il-Bidliet fl-inventarji	350	3.119 (*b*)

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 95* teħtieġ li l-produzzjoni tas-servizzi tiġi rreġistrata kif u meta tiġri l-produzzjoni. Fl-*ESA 95*, il-produzzjoni tas-servcizzi għalhekk trid toħloq bidliet fl-inventarji li jikkonsistu fix-xogħol li jkun għaddej. L-użu tas-servizzi jissokta jiġi rreġistrat meta s-servizz "iffinalizzat" jiġi kkunsinnat lill-utent.

B'kuntrast għal dan, l-*ESA 79* tirreġistra l-produzzjoni tas-servizzi fiż-żmien tal-kunsinna tal-prodott finali lill-utenti, bl-esklużjoni b'mod espliċitu ta' l-eżistenza tal-ħażniet tas-servizzi. Il-bidla fiż-żmien tar-reġistrazzjoni bejn iż-żewġ sistemi taffettwa biss il-kontijiet ta' l-unitajiet istituzzjonali li jipproduċu s-servizzi. Il-kontijiet ta' l-unitajiet istituzzjonali li jużaw is-servizzi jissoktaw mhux affettwati bil-bidla.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni u l-valur miżjud iridu jiġu affettwati bil-bidla, billi s-sinjal ta' l-impatt ma jkunx stabbilit *a priori*. Ma jkun hemm l-ebda effett fuq il-konsum intermedju.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-komponent waħdieni affettwat huwa l-bidla fil-ħażniet meta l-impatt irid jiġi stabbilit fuq iċ-ċirkostanzi.

Fl-avviċinament skond id-dħul, il-bidla fil-valur miżjud tiġi riflessa f'bidla fl-ammont żejjed gross operattiv li s-sinjal tiegħu ma jistax jiġi stabbiloit *a priori*.

Is-sinjal ta' l-effett fuq il-PGD ma jiġix għalhekk stabbilit *a priori*. Billi ma jkun hemm l-ebda influwenza diretta fil-moghdija mill-PGD għall-PGN, l-impatt fuq il-PGN huwa egwali għal dak fuq il-PGD.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li b'kemm jiswew 1 000 għad-disinni (is-servizzi ta' l-inġiniera konsulenti) jieħdu sitt xhur għalbiex itemmu tlieta minnhom li jaqgħu fis-sena *t* - 1 u t-tlieta l-oħra fis-sena *t*. Id-disinni jiġu kkunsinnati lill-kuntrattur (l-intrapriża li tuża s-servizzi) fl-aħħar ta' Marzu tas-sena *t*.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*. Is-Sena *t* - 1.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 500	*P42*	+ 500

Il-Kont tal-Produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N1	+ 500	*P10*	+ 500

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N2	+ 500	*N1*	+ 500

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N3	+ 500	*N2*	+ 500

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N4	+ 500	N3	+ 500

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P42	+ 500	*N4*	+ 500
N5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N5	+ 0

It-Trattament tal-kontabbilta fil-Kontijiet issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond l-ESA 79. Is-Sena *t*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	– 500	*P42*	– 500

Il-Kont tal-produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N1	– 500	*P10*	– 500

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N2	– 500	*N1*	– 500

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N3	– 500	*N2*	– 500

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N4	– 500	*N3*	– 500

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P42	– 500	*N4*	– 500
N5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N5	+ 0

10. **In-Nefqiet fuq l-esplorazzjoni tal-minerali**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Konsum intermedju	323 (*i*), 324 (*i*)	3.71(*a*)
Il-Formazzjoni tal-kapital fiss gross	343 (*a*)	3.105 (*b*)

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 79* tiddkjara illi n-nefqiet kollha fit-tħaffir tal-bjar għall-estrazzjoni taż-żejt, il-gass, eċċ, miġrura qabel id-deċiżjoni għalbiex jitħaddem depożitu mogħti huma meqjusa bħala konsum intermedju. In-nefqiet wara d-deċiżjoni li jitħaddem id-depożitu huma rreġistrati bħala l-formazzjoni tal-kapital fiss gross.

L-*ESA 95* tiddkjara illi n-nefqiet fuq l-esplorazzjoni minerali li jikkomprendu l-ispejjeż attwali tat-testijiet tat-tħaffir, l-istħarriġ bl-ajru u stħarriġ ieħor, l-ispejjeż tat-trasport, eċċ., jiġu inklużi fil-formazzjoni tal-kapital fiss gross.

B'ħekk l-*ESA 95* iżżid l-iskop tal-formazzjoni tal-kapital fiss gross bl-ammont tal-nefqiet għall-esplorazzjoni miġrura qabel id-deċiżjoni li jitħaddem id-depożitu.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-konsum intermedju jaqa' u l-valur miżjud jiżdied bl-ammont tal-nefqiet fuq l-esplorazzjoni kklassifikati mill-ġdid. B'żieda ma' dan, il-produzzjoni u l-valur miżjud grossi jiżdiedu bl-ammont tal-produzzjoni akkont tagħha nfisha ta' l-esporazzjoni għall-minerali.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, l-effett waħdieni huwa żieda fil-formazzjoni tal-kapital fiss gross egwali għan-nefqiet ikklassifikati mill-ġdid flimkien mal-produzzjoni akkont tagħha nfisha.

Fl-avviċinamentr skond id-dħul, iż-żieda fil-valur hija riflessa f'żieda ekwivalenti fl-ammont żejjed gross operattiv.

Kid jidher mit-tliet avviċinamenti, l-impatt fuq il-PGD huwa pożittiv b'mod mhux ambigwu. Billi ma jkun hemm l-ebda influwenza diretta fil-mogħdija mill-PGD għall-PGN, l-impatt fuq il-PGN huwa egwali għal dak fuq il-PGD.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu illi l-esplorazzjoni mixtrija għall-minerali li tiswa 1 000 tiġi kklassifikata mill-ġdid mill-konsum intermedju għall-formazzjoni tal-kapital fiss gross. Nassumu wkoll li teżisti produzzjoni akkont tagħha nfisha ta' l-esplorazzjoni tal-mineali li tiswa 500.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-ESA 79.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 500	*P20*	– 1 000
		P41	+ 1 500

Il-Kont tal-produzzjoni				**L-Użi**				**Ir-Riżorsi**			
Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul		Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul		Ir-Riżorsi		L-Użi		L-Użi		Ir-Riżorsi	
P20	– 1 000	*P10*	+ 500	*N2*	+ 1 500	*N1*	+ 1 500	*N3*	+ 1 500	*N2*	+ 1 500
N1	+ 1 500										

L-Użu tal-kont tad-dħul				**Il-Kont tal-kapital**				**Il-Kont tal-bqija tad-dinja**	
L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi	Ir-Riżorsi
N3	+ 1 500	*P41*	+ 1 500	*N4*	+ 1 500	*N5*	+ 0		
N4	+ 1 500			*N5*	+ 0				

11. **Il-Konsum tal-kapital fuq it-toroq, il-pontijiet, id-digi, eċċ.**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Konsum tal-kapital fiss	403	6.03

Id-deskrizzjoni tal-bidla

Skond l-*ESA 79*, il-konsum tal-kapital fiss irid jiġi kkalkolat għall-oġġetti kollha tal-kapital fiss li jistgħu jiġu riprodotti bl-eċċezzjoni ta' l-oġġetti kapitali għall-użu kolletrtiv b'tul ta' ħajja li mhix stabbilita (toroq, pontijiet, eċċ.).

L-*ESA 95* tiddikjara illi l-konsum tal-kapital fiss irid jiġi kkalkolat għall-attivi fissi kollha (għajr l-annimali).

Għalhekk huwa ċar illi l-iskop tal-konsum varjabbli tal-kapital fiss żdied fl-*ESA 95* hekk li jinkludi t-toroq, il-pontijiet eċċ.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni u l-valur miżjud gross jiżdiedu kif jiżdied il-konsum ta' l-ispiża tal-komponent tal-kapital fiss fil-valutazzjoni tal-produzzjoni tas-servizzi mhux tas-suq.

Fl-avviċinamwent skond in-nefqa, il-konsum kollettiv tal-gvern ġenerali jiżdied bl-ammont tal-konsum żejjed tal-kapital fiss.

Fl-avviċinament skond id-dħul, l-ammont żejjed gross operattiv jogħla b'ammont li jikkorrispondi mal-konsum żejjed tal-kapital fiss.

Fin-nuqqas ta' kull impatt fil-mogħdija minn-PGD għall-PGN, l-influwenza fuq il-PGN tiġi egwali għal dik fuq il-PGD, li min-naħa tagħha tiġi egwali għaż-żieda fil-konsum tal-kapital fiss, biex għalhekk tkun pożittiva mingħajr ambigwità. Huwa preżunt hawn fuq illi t-toroq, il-pontijiet, eċċ., jappartjienu għall-produtturi mhux tas-suq tal-gvern ġenerali. Safejn u sakemm il-pusessuri ta' dawn l-attivi ddestinati għall-użu kollettiv jistgħu jkunu produtturi tas-suq, ma jkun hemm l-ebda impatt fuq il-PGD/PGN.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu illi l-konsum tal-kapital egwali għal 1 000 jiġi kkalkolat rigward it-toroq, il-pontijiet, id-digi, eċċ. li jiffurmaw parti mill-ħażna tal-kapital tal-friegħi mhux tas-suq tal-gvern ġenerali.

It-trattament tal-kontabbiltà tal-Kontrijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Rożorsi		L-Użi	
P10	+ 1 000	*P3B*	+ 1 000

Il-Kont tal-produzzjoni				**Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul**				**Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul**			
L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi	
N1	+ 1 000	*P10*	+ 1 000	*N2*	+ 1 000	*N1*	+ 1 000	*N3*	+ 1 000	*N2*	+ 1 000

L-Użu tal-kont tad-dħul				**Il-Kont tal-kapital**				**Il-Kont tal-bqija tad-dinja**			
L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi	
P3A	+ 1 000	*N3*	+ 1 000	*N5*	+ 0	*N4*	+ 0			*N5*	+ 0
N4	+ 0										

12. **Il-Liċenzi u l-piżijiet tal-gvern**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
It-Taxxi	417.3, 496	4.23 (*e*), 4.80 (*d*)
Is-servizzi		3.71 (*e*), 3.76 (*h*), 4.79 (*d*)

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

Jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-liċenzi tan-negozju wżati bħala konsum intermedju tal-prodotturi tas-suq, u possibbilment tal-prodotturi mhux tas-suq ukoll, mill-banda l-waħda u, mill-banda l-oħra l-liċenzi miksuba mill-familji fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi, p.e. il-piżijiet tal-passaporti u l-piżijiet tat-testijiet u tal-liċenzi tas-sewqan.

Għall-unitajiet tal-prodotturi, l-*ESA 95* tirrestrinġi r-reġistrazzjoni tal-liċenzi u tal-piżijiet imħallsa lill-gvern li jiġu rreġistrati taħt taxxi oħra fuq il-produzzjoni għal firxa idjeq tal-pagamenti milli tagħmel l-*ESA 79*. Jekk il-gvern iwettaq kontrolli fuq kemm ikun jixraq jew fuq is-sigurtà tat-tagħmir użat, rigward il-kompetenza professjonali tal-personal impjegat, jew rigward il-kwalità jew l-i*standard* ta' l-oġġetti u tas-servizzi prodotti bħala kondizzjoni għall-konċessjoni ta' din il-liċenza, il-pagament huwa meqjus bħala x-xiri ta' servizz (għajr jekk l-ammonti jkun għal kollox 'il barra mill-proporzjon għall-ispiża tal-kontrolli li jridu jitwettqu).

Għall-familji, sitwazzjoni simili teżisti fl-*ESA 95* bl-esklużjoni mit-taxxi korrenti fuq id-dħul, il-ġid, eċċ., tal-pagamenti għal firxa ta' liċenzi. Minflok, dawn jiġu meqjusa bħala pagamenti għas-servizzi tal-gvern.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Il-bidla fil-klassifika ta' ċerti piżijiet tal-gvern fuq il-liċenzi x'aktarx li tintitola klassifika mill-ġdid tan-numru ta' l-unitajiet tal-prodotturi possessi mill-gvern għall-prodotturi mhux tas-suq. Dan li ġej jiddeskrivi l-konsegwenzi tal-klassifika mill-ġdid ta' l-irċevuti tal-klassifika mill-ġdid ta' unità li tissokta produttur mhux tas-suq mit-taxxi, eċċ. għall-pagamenti għas-servizzi. Il-kwistjoni dwar li l-prodotturi jiġu kklassifikati mill-ġdid minn prodotturi tas-suq għal prodotturi mhux tas-suq u bil -maqlub hija ttratta fil-Taqsima 2.19.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni ma tinbidilx, ġaladarba l-produzzjoni tal-produttur mhux tas-suq hija vvalutata bħal s-somma ta' l-ispejjeż.Il-konsum intermedju jiżdied bl-ammont tal-piżijiet, eċċ. li jiġu kklassifikati mill-ġdid minn "taxxi oħra marbuta mal-produzzjoni (*R222*)" mal-konsum intermedju, jiġifieri dik il-partital-piżijiet tal-liċenzi tal-gvern li titħallas mill-prodotturi. Il-valur miżjud jaqa' b'mod korrispondenti.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum finali tal-familji jogħla bl-ammont tal-piżijiet tal-liċenzi mħallsa mill-familji fil-kapaċità tagħhom bħala konsumaturi li jiġi kklassifikat mill-ġdid mit-"taxxi korrenti fuq id-dħul, il-ġid, eċċ." għax-xiri tas-servizzi. Il-konsum kollettiv tal-gvern ġenerali jaqa' skond iż-żieda fil-bejgħ. Mill-banda l-oħra, il-konsum kollettiv tal-*PNPISH*jiet jogħla minħabba li l-prodotturi mhux tas-suq jista' jkollhom iħallsu għud mill-piżijiet fil-kwistjoni, biex b'ħekk jgħollu l-konsum intermedju, imma dan jiġi kkontrobilanċjat bi tnaqqis fit-taxxi fuq il-produzzjoni. L-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet jiżdiedu safejn u sakemm ikun hemm piżijiet tal-liċenzi mħallsa mir-residenti lill-aġenziji ta' gvernijiet barranija jew minn min mhux residenti mħallsa lill-aġenziji tal-gvern tal-post.

Fl-avviċinament skond id-dħul, it-taxxi fuq il-produzzjoni (*R222*) jaqgħu bl-istess ammont bħall-waqgħa fil-valur miżjud.

Kollox ma' kollox, is-sinjal ta' l-impatt tal-PGD huwa negattiv b'mod mhux ambigwu, mogħti illi parti mill-piżijiet tal-liċenzi tmur fil-konsum intermedju. Billi ma jkun hemm l-ebda konsegwenzi fil-mogħdija mill-PGD għall-PGN, l-effett fuq il-PGN huwa egwali għal dak fuq il-PGD.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li piżijiet tal-liċenzi li jagħmlu total ta' 1 000 jiġu kklassifikati mill-ġdid mit-taxxi, eċċ. għall-bejgħ mill-prodotturi mhux tas-suq tal-gvern ġenerali. Minn dan l-ammont, 500 għandhom x'jaqsmu mal-piżijiet imħallsa mill-familji fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi kklassifikati mill-ġdid f'mill-*R69* u l-500 l-oħra jitħallsu mill-prodotturi kklassifikati mil-ġdid mill-*R222*. L-ebda piżijiet minn dwn ma japplikaw għall-prodotturi mhux tas-suq tal-gvern ġenerali u l-*NPI*jiet.

It-trattament tal-kontabbilità fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi	L-Użi
P20	+ 500
P3B	– 500

Il-Kont tal-Produzzjoni			**L-Użi**		**Ir-Riżorsi**	
Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul	Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul	Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi
P20 + 500		*R*20 – 500	*N*1 – 500			*N*2 + 0
*N*1 – 500		*N*2 + 0			*N*3 – 500	*R*20 – 500

l-Kont ta' l-użu tad-dħul		**Il-Kont tal-kapital**		**Il-Kont tal-bqija tad-dinja**	
L-Użi	Ir-Riżorsi	L-Użi	Ir-Riżorsi	L-Użi	Ir-Riżorsi
P3A – 500	*N*3 – 500	*N*5 + 0	*N*4 + 0		*N*5 + 0
*N*4 + 0					

13. **Il-Valutazzjoni tal-prodott maħruġ għall-użu finali personali u l-produzzjoni mill-attivitajiet volontarji**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Konfini tal-produzzjoni	306	3.08
Il-Valutazzjoni tal-produzzjoni	315, 628	3.49, 3.52

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

Jeżistu żewġ bidliet li jridu jiġu diskussi taħt din l-intestatura.

L-ewwel bidla tal-kunċett tikkonsisti f'li jiġi inkluż, kulmeta possibbli, element ta' ammont żejjed nett operattiv fil-valutazzjoni tal-produzzjoni akkont tagħha nfisha. L-*ESA 79* tiddikjara li ma tiġi rreġistrata l-ebda żieda operattiva minn din.

It-tieni bidla tirrigwarda l-kostruzzjoni ta' l-attivi fissi permezz ta' l-attivitajiet volontarji. L-*ESA 95* tispeċifika illi stima tal-valur tax-xogħol (imsejsa fuq stima ta' l-ispiża ta' l-ingaġġar ta' xogħol ekwivalenti mħallas) għandha tiġi inkluża meta jiġi stmat il-valur tal-produzzjoni. L-*ESA 79* ma tagħmel l-ebda ħtieġa minn din.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni u l-valur miżjud tal-produtturi tas-suq jiżdiedu biż-żieda fil-valur tal-produzzjoni akkont tagħha nfisha li ssegwi mill-valutazzjoni tal-produzzjoni akkont tagħha nfisha bil-prezzijiet bażiċi iktar milli bis-somma ta' l-ispejjeż. Il-produzzjoni u l-valur miżjud jiżdiedu wkoll bl-ammont tal-valur tax-xogħol mhux imħallas użat fl-attività komunali tal-kostruzzjoni, li kien eskluż fl-*ESA 79*.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, jiżdiedu l-konsum finali tal-familji kif ukoll iż-żieda fil-formazzjoni tal-kapital fiss gross (dan ta' l-aħħar bħala konsegwenza taż-żewġ bidliet tal-kunċett). Il-konsum finali tal-gvern ġenerali u l-*PNPI*jiet iridu jonqsu fil-każ tal-formazzjoni tal-kapital akkont tiegħu nnifsu.

Fl-avviċinament skond id-dħul, il-kumpens ta' l-impjegati jogħla safejn u sakemm il-produzzjoni akkont tagħha nfisha tirrigwarda l-kumpens in natura lill-impjegati. Barra minn hekk, l-ammont żejjed gross operattiv tal-produtturi tas-suq jiżdied b'mod korrispondenti għal dik il-parti tal-produzzjoni akkont tagħha nfisha li tintuża bħala l-konsum finali tal-familji tal-prodott akkont tiegħu nfusu (minbarra l-kumpens in natura lill-impjegati) u l-formazzjoni tal-kapital fiss gross. Rigward il-produzzjoni mill-attivitajiet volontarji, l-ammot żejjed operattiv (id-dħul imħallat) jiżdied ukoll bl-ammont tal-valur tax-xogħol mhux imħallas użat.

L-impatt fur il-PGD huwa deċiżament pożittiv. Il-mogħdija mill-PGD għall-PGN tiġi affettwata biss bil-kumpens in natura lill-impjegati lejn u mir-*ROW* u għalhekk x'aktarx li ma tinbidilx rigward il-għanijiet kollha prattiċi. Mogħti dan l-impatt negliġibbli, l-effet fuq il-PGN jrid ikun pożittiv ukoll.

Eżempju numeriku

L-ewwelnett, ejja ngħidu li l-prinċipji l-ġodda tal-valutazzjoni rigward il-produzzjoni akkont tagha nfisha timplika żieda fil-produzzjoni ta' 1 000 meta pparagunata mal-valutazzjoni ta' l-*ESA 79*, li minnhom 100 jikkorrispondu mal-kumpens in natura lill-impjegati, 400 jikkorrispondu mal-konsum finali tal-familji tal-prodott akkont tiegħu nnifsu u 500 mal-formazzjoni tal-kapital akkont tiegħu nnifsu mill-produtturi tas-suq.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimlifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 1 000	*P3B*	+ 500
		P41	+ 500

Il-Kont tal-produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P10	+ 1 000	*R10*	+100
N1	+ 1 000		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N1	+ 1 000		
N2	+ 900		

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N2	+ 900		
N3	+ 1 000	*R10*	+ 100

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P3A	+ 500	*N3*	+ 1 000
N4	+ 500		

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P41	+ 500	*N4*	+ 500
N5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N5	+ 0

It-tieni, ejja ngħidu illi meta jiġu applikati l-prinċipji l-ġodda tal-valutazzjoni rigward l-attivi fissi maħluqa mill-attivitajiet volontarji l-istima tal-valur tax-xogħol tkun 800.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 800	*P41*	+ 800

Il-Kont tal-Produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		P10	+ 800
N1	+ 800		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N1	+ 800
N2	+ 800		

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N2	+ 800
N3	+ 800		

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N3	+ 800
N4	+ 800		

Il-Kont tal-Kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P41	+ 800	*N4*	+ 800
N5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N5	+ 0

14. **Il-Għatba tal-valur għall-oġġetti ta' kapital**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Konsum intermedju	323 (*d*)	3.70 (*e*)
Il-Formazzjoni tal-kapital fiss gross	340 (*a*)	3.108 (*a*)

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

Il-għatba ta' l-*ESA 79* għall-inklużjoni ta' l-oġġetti li ma jinkisrux ta' valur baxx fil-formazzjoni tal-kapital fiss gross huwa ffissat għal ECU 100 skond il-prezzijet ta' l-1970, filwaqt li l-għatba ta' l-*ESA 95* hija ta' ECU 500 skond il-prezzijiet ta' l-1995. Fl-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea, il-għatba l-ġdida timplika bidla 'l fuq f'termini reali tal-għatba, li twassal għal sehem ikbar tal-kisbiet ta' oġġetti ta' kapital żgħir jiġu ttrattati bħala konsum intermedju.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, irid ikun hemm żieda fil-konsum intermedju u waqgħa korrispondenti fil-valur miżjud safejn u sakemm jirrigwarda l-produtturi tas-suq. Għalhekk, il-valur miżjud li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni tas-suq jaqa'.Safejn u sakemm jirrigwarda l-produtturi mhux tas-suq, il-valur miżjud gross jaqa' b'mod korrispondenti għall-konsum iżgħar tal-kapital fiss li huwa l-kontroparti tat-tnaqqis fil-formazzjoni tal-kapital fiss gross.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, irid ikun hemm waqgħa fil-formazzjoni tal-kapital fiss gross. Iktar minn hekk, il-konsum kolletiv tal-gvern ġenerali huwa bla ħsara għal żewġ effetti b'sinjal oppost: minn banda waħda, il-konsum intermedju tal-produtturi mhux tas-suq jiżdied bl-istess ammont kif jaqa' l-konsum tal-kapital fiss gross, mill-banda l-oħra il-konsum tal-kapital fiss jaqa'.

Fl-avviċinament skond id-dħul, irid ikun hemm waqgħa fl-ammont żejjed gross operattiv egwali għall-waqgħa tal-valur miżjud tal-produtturi tas-suq flimkien ma' waqgħa fil-konsum tal-kapital fiss tal-produtturi mhux tas-suq.

Kif jidher mill-avviċinamenti skond il-produzzjoni u skond id-dħul, l-impatt fuq il-PGD huwa negattiv b'mod mhux ambigwu. Ġaladarba l-mogħdija mill-PGD għall-PGN ma tiġix affettwata bl-aġġustament tal-għatba, l-impatt fuq il-PGN jegwalja lil dak fuq il-PGD.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li x-xiri ta' l-oġġetti ta' kapital baxx mill-produtturi tas-suq li jiswa 900 jiġi kklassifikat mill-ġdid għall-formazzjoni tal-kapital fiss gross. Iktar minn dan, illi x-xiri ta' 100 mill-produtturi mhux tas-suq jiġi kklassifikat mill-ġdid, u li l-għatba l-ġdida tintitola tnaqqis ta' 90 fil-konsum tal-kapital fiss rigward il-produtturi mhux tas-suq.

It-trattament tal-kontabbiltà għall-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjoni; il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi	L-Użi
*P*10 + 10	*P*20 + 1 000
	P3*B* + 10
	*P*41 – 1 000

Il-Kont tal-Produzzjoni

L-Użi	Ir-Riżorsi
P20+ 1 000	P10 + 10
*N*1 – 990	

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi	Ir-Riżorsi
	*N*1 – 990
*N*2 + 990	

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi	Ir-Riżorsi
	*N*2 – 990
*N*3 – 990	

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi	Ir-Riżorsi
P3*A* + 10	*N*3 – 990
*N*4 – 1 000	

Il-Kont tal-kapital

L-Użi	Ir-Riżorsi
*P*41 – 1 000	*N*4 – 1 000
*N*5 + 0	

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi	Ir-Riżorsi
	*N*5 + 0

15. **Il-Kriterji tas-suq/mhux tas-suq**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Produtturi tas-suq	315	3.24
Il-Produzzjoni tas-suq	305, 308	3.17
Il-Produtturi mhux tas-suq	317	3.26
Il-Produzzjoni mhux tas-suq	312	3.23

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

Ir-regoli għalbiex jiġu kklassifikati l-unitajiet tal-produtturi bħala tas-suq jew mhux tas-suq ġew abbozzati għal-kollox mill-ġdid.

Fl-*ESA 79*, il-produzzjoni ta' lista ddikjarata tas-servizzi dejjem titqies bi ftehim taċitu li hija servizzi tas-suq, il-produzzjoni ta' lista ddikjarata tat-tieni tas-servizzi dejjem titqies li tkun mhux tas-suq, u l-produzzjoni ta' lista ddikjarata tat-tielet tas-servizzi titqies li hija servizzi tas-suq jekk ir-riżorsi ta' l-unità tal-produtturi tiġi fil-biċċa l-kbira mill-bejgħ tal-produzzjoni tagħha.

Fl-*ESA 95*, sett waħdieni ta' kriterji japplika għall-attivitajiet kollha. Per eżempju, il-produtturi l-oħra mhux tas-suq huma ddefiniti bħala *KAU*ijiet jew unitajiet istituzzjonali li l-parti maġġuri tal-produzzjoni tagħhom hija pprovvduta bla ħlas jew bi prezzijiet mhux ekonomikament sinifikanti (jiġifieri, meta inqas minn 50 % ta' l-ispejjeż tal-produzzjoni jkunu koperti mill-bejgħ).

Il-konsegwenza ta' din il-bidla hija li unità ta' produttur mogħtija tista' tiġi kklassifikata bħala tas-suq taħt l-*ESA 79* imma bħala mhux tas-suq fl-*ESA 95*, jew bil-maqlub. It-tieni, il-valutazzjoni tal-produzzjoni tal-produzzjoni mhux tas-suq hija rriveduta fl-*ESA 95* (ara l-20 hawn taħt), fil-biċċa l-kbira rigward is-sussidji. Il-manjiera li fiha tiġi vvalutata l-produzzjoni tiddependi minn jekk il-produzzjoni hijiex produzzjoni tas-suq jew produzzjoni mhux tas-suq.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Ikkunsidra l-każ ta' unità tal-produtturi li hija kklassifikata mill-ġdid minn waħda tas-suq għal waħda mhux tas-suq. Skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*, il-produttur fil-kwistjoni kienwieħed tas-suq bi ftehim taċitu bis-saħħa tal-fergħa tiegħu ta' attività, filwaqt li taħt ir-regoli ta' l-*ESA 95* il-kriterju ta' 50 % japplika tkun xi tkun l-attività. Kull klassifika mill-ġdid fid-direzzjoni opposta twassal għall-konsegwenzi ekwivalenti iżda opposti.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni tinbidel skond id-differenza bejn id-dħul mill-bejgħ (possibbilment flimkien mal-bidliet fil-ħażniet ta' l-oġġetti mlestija u x-xogħol għaddej) u l-ispejjeż tal-produzzjoni. Il-konsum intermedju ma jitbiddilx. Il-valur miżjud jinbidel minn li jkun imnissel bħala produzzjoni nieqsa mill-konsum intermedju għal li jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-kumpens lill-imjegati, il-konsum tal-kapital fiss u t-taxxi l-oħra bis-sussidji mnaqqsa fuq il-produzzjoni. Sakemm il-produttur ma jissodisfax il-kriterju tal-50 % ta' l-*ESA 95*, l-impatt fuq il-valur miżjud irid ikun pożittiv.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum kollettiv jogħla bl-eċċess ta' l-ispejjeż tal-produzzjoni fuq id-dħul mill-bejgħ. Il-komponenti l-oħra kollha ma jinbidlux.

Fl-avviċinament skond id-dħul, il-bidla fl-ammont żejjed gross operattiv jegwalja l-bidla fil-valur miżjud nieqes il-bidla fis-sussidji l-oħra tal-produzzjoni *R312*.

Fil-każ ta' klassifika mill-ġdid mill-produtturi tas-suq għall-produtturi mhux tas-suq, l-effet fuq il-PGD huwa pożittiv b'mod mhux ambigwu. Ġaladarba l-klassifiċi mill-ġdid jistgħu jmorru ż-żewġ naħat, l-impatt totali tal-PGD ma jistax jiġi stabbilit *a priori*. Billi l-mogħdija mill-PGD għall-PGN ma hi bla ħsara għall-ebda bidla, l-impatt fuq il-PGN jegwalja lil dak fuq il-PGD.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li produttur tal-*films* posseduti pubblikament (suq bi ftehoim taċitu fl-*ESA 79*) ikollu rċevuti mill bejgħ li jsarrfu 300, konsum intermedju ta' 200, kumpens lill-impjegati ta' 500, konsum tal-kapital fiss ta' 50 u taxxi oħra marbuta mal-produzzjoni li jsarrfu 50. Jirċievi trasferiment tal-gvern għalbiex ikopri d-dejn tiegħu ta' 500 li skond ir-regoli ta' l-*ESA 79* huwa ttrattat bħala sussidju marbut mal-produzzjoni. Ma jeżistu l-ebda sorsi oħra ta' dħul, u l-ebda esportazzjonijiet tal-prodott prodott. B'konsegwenza ta' dan, il-produttur irid jiġi kklassifikat mill-ġdid minn produttur tas-suq għal produttur mhux tas-suq bħala parti mit-transizzjoni għall-*ESA 95*.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 500	*P3B*	+ 500

Il-Kont tal-produzzjoni			Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul				Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul			
L-Użi		Ir-Riżorsi	L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi	
P10	+ 500		*Ni*	+ 500	*R*312	− 500	N2	+ 0		
NI	+ 500		*N*2	+ 0	*R*312	− 500	N3	+ 500		

L-Użu tal-kont tad-dħul				Il-Kont tal-Kapital				Il-Kont tal-bqija tad-dnja			
L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi		L-Użi		Ir-Riżorsi	
*P*3*A*	+ 500	*N*3	+ 500			*N*4	+ 0			*N*5	+ 0
*N*4	+ 0			*N*5	+ 0						

16. **Is-Sussidji**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Is-Sussidji	421	4.30, 4.38(*j*)
It-Trasferimenti in natura	475	4.105 (*e*)

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

Il-ħtiġiet ta' l-*ESA 95* jiddifferixxu minn dawk ta' l-*ESA 79* (li tinkorpora d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/465/KEE [1], *Euratom*, li tiċċara l-*ESA 79* rigward issussidji) f'żewġ rigwardi.

L-ewwelnett, fl-*ESA 95* dawn li ġejjin huma eskluži mis-sussidji: il-pagamenti mill-gvern ġenerali lill-produtturi tas-suq għalbiex jitħallsu fl-intier tagħhom jew f'parti minnhom l-oġġetti u s-servizzi li dawn il-produtturi tas-suq jipprovdu direttament u b'mod individwali lill-familji fil-kuntest tar-riskji jew il-ħtiġiet soċjali li għalihom il-familji għandhom dritt stabbilit legalment. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni riferita hawn fuq ma għamlet l-ebda ħtieġa rigward l-aspett soċjali.

It-tieninett, fl-*ESA 95* il-produtturi l-oħra mhux tas-suq jistgħu jirċievu sussidji oħra fuq il-produzzjoni jekk dawn il-pagamenti jiddependu fuq ir-regolamenti tal-gvern li japplikaw kemm għall-produtturi tas-suq u kemm għall-produtturi mhux tas-suq. Il-produtturi mhux tas-suq ma jistgħux jirċievu sussidji taħt l-*ESA 79*. Meta dan ikun il-każ, ikun hemm impatt fuq il-valutazzjoni tal-produzzjoni għall-produtturi mhux tas-suq.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

L-ewwelnett, ikkunsidra l-każ ta' pagament mill-gvern ġenerali lill-produtturi li għandhom x'jaqsmu mal-provvediment tas-servizzi lill-familji li ma jissodisfax il-kriterji soċjali ta' l-*ESA 95* u jiġi rreġistrat bħala benefiċċji soċjali in natura skond ir-regoli ta' l-*ESA 79* (kif iċċarat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-sussidji) imma bħala sussidji fuq il-prodotti fl-*ESA 95*. L-*ESA 95* teħtieġ b'mod espliċitu li jrid ikun hemm għan soċjali u intitolamenti ta' individwi wara l-pagamenti għalbiex ma jiġux ittrattati bħala trasferimenti mhux impattija lill-produtturi, jiġifieri bħala sussidji. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-sussidji li tiċċara l-*ESA 79* ma ssemmi l-ebda għan soċjali, jiġifieri n-nefqa immirata biex tkopri ċerti riskji u ħtiġiet partikolari.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni u l-valur miżjud jaqgħu bl-ammont hekk ikklassifikat mill-ġdid.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum finali tal-familji jaqa' b'dan l-istess ammont.

Fl-avviċinament skond id-dħul, is-sussidji fuq il-produzzjoni jogħlew bl-ammont ikklassifikat mill-ġdid għas-sussidji fuq il-prodotti.

L-effett fuq il-PGD u l-PGN huwa negattiv mingħajr ambigwità u egwali fid-daqs għat-trasferiment tal-gvern ikklassifikat mill-ġdid għas-sussidji fuq il-prodotti.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li ħlas ta' 1 000 mill-gvern ġenerali lill-produtturi tas-suq jiġi kklassifikat mill-ġdid mill-benefiċċji soċjali in natura għas-sussidji fuq il-prodotti.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjpon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

[1] ĠU Nru L 224, tat-3.9.1993, p. 27. 1993, p. 27

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	– 1 000	*P3B*	– 1 000

Il-Kont tal-produzzjoni			**Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul**			**Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul**		
L-Użi		Ir-Riżorsi	L-Użi		Ir-Riżorsi	L-Użi		Ir-Riżorsi
		P10 – 1 000			*N*1 – 1 000	*R*311	+ 1 000	*N*2 + 0
*N*1	– 1 000		*N*2	+0	*R*311 + 1 000	*N*3	– 1 000	

L-Użu tal-kont tad-dħul			**Il-Kont tal-kapital**			**Il-Kont tal-bqija tad-dinja**		
L-Użi		Ir-Riżorsi	L-Użi		Ir-Riżorsi	L-Użi		Ir-Riżorsi
P3A	– 1 000	*N*3 – 1 000			*N*4 + 0			*N*5 + 0
*N*4	+ 0		*N*5	+ 0				

It-tieninett, ejja nghidu li pagamenti ta' 1 000 mill-gvern ġenerali lill-instituzzjonijiet ta' bla qligħ li jservu lill-familji jiġu kklassifikati mill-ġdid mit-trasferimenti korrenti għal sussidji oħra fuq il-produzzjoni.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni u l-valur miżjud jaqgħu bl-ammont hekk ikklassifikat mill-ġdid.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum finali tal-*PNPISH*ijiet jaqgħu b'dan l-istess ammont.

Fl-avviċinament skond id-dħul, is-sussidji fuq il-produzzjoni jogħlew bl-ammont ikklassifikat mill-ġdid għas-sussidji fuq il-prodotti.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	– 1 000	*P3B*	– 1 000

Il-Kont tal-produzzjoni			**Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul**			**Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul**		
L-Użi		Ir-Riżorsi	L-Użi		Ir-Riżorsi	L-Użi		Ir-Riżorsi
		P10 – 1 000			N1 – 1 000	*R*31	+ 1 000	*N*2 + 0
*N*1	– 1 000		*N*2	+ 0	*R*31 + 1 000	*R*66	– 1 000	*R*66 – 1 000
						*N*3	– 1 000	

L-Użu tal-kont tad-dħul			**Il-Kont tal-kapital**			**il-Kont tal-bqija tad-dinja**		
L-Użi		Ir-Riżorsi	L-Użi		Ir-Riżorsi	L-Użi		Ir-Riżorsi
P3A	– 1 000	*N*3 – 1 000			*N*4 + 0			*N*5 + 0
*N*4	+ 0		*N*5	+ 0				

17. **L-Oriġinali tad-divertiment, letterarji u artistiċi**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Konfini tal-produzzjoni	309	3.67
Il-Formazzjoni tal-kapital fiss gross	340, 398	3.105 (*b*)

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

Il-produzzjoni ta' l-oriġinali tad-divertiment, letterarji u artistiċi tifforma parti mill-formazzjoni tal-kapital fiss gross fl-*ESA 95*. Fl-*ESA 79*, din il-produzzjoni hija 'l barra mill-konfini tal-produzzjoni. Il-kwistjoni dwar kif jiġu ttrattati s-servizzi assoċjati, jiġifieri l-pagamenti għall-użu awtorizzat (ir-riproduzzjoni) ta' dawn l-oriġinali jiġu ttrattati fit-taqsima li ġejja.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni tiżdied bil-valur ta' l-oriġinali prodotti. Il-konsum intermedju jiżdied bil-valur tad-dħul ġewwa dan il-proċess tal-produzzjoni, li qabel kien ittrattat bħala konsum finali tal-familji. Il-valur miżjud jinbidel bid-differenza bejn dawn iż-żewġ ħaġiet. Is-sinjal ma jistax jiġi stabbilit *a priori*, imma l-preżunzjoni hija illi jrid ikun pożittiv fil-biċċa l-kbira tal-każijiet.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-formazzjoni tal-kapital fiss gross toġħla bil-valur ta' l-oriġinali prodotti. Il-konsum finali tal-familji jaqa' bin-nefqiet ikklassifikati mill-ġdid għall-konsum intermedju.

Fl-avviċinament skond id-dħul, il-bidla fl-ammont żejjed gross operattiv tirrifletti lil dak tal-valur miżjud.

Saħansitra minkejja li s-sinjal ta' l-impatt fuq il-PGD u l-PGN ma jistax jiġi stabbilit *a priori*, jidher hafna improbabbli li ż-żieda fil-konsum intermedju tiddomina ż-żieda fil-produzzjoni. Il-preżunzjoni trid għalhekk tkun għal impatt pożittiv fuq il-PGD u l-PGN.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li teżisti produzzjoni ta' oriġinali kkompletati fil-perjodu taż-żmien tal-kontabbiltà li għandha valur ta' 1 000. Il-produzzjoni teħtieġ konsum intermedju ta' 200. Ma jeżisti l-ebda kumpens għall-impjegati involuti. Nassumu wkoll illi ma jeżistu l-ebda esportazzjonijiet jew importazzjonijiet ta' oriġinali ta' divertiment, letterarji jew artistiċi.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-ESA 79.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 1 000	*P20*	+ 200
		P3B	– 200
		P41	+ 1 000

Il-Kont tal-produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P20	+ 200	*P10*	+ 1 000
N1	+ 800		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N1	+ 800
N2	+ 800		

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N2	+ 800
N3	+ 800		

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P3A-	200	N3	+ 800
N4	+ 1 000		

Il-Kont tal-Kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P41	+ 1 000	*N4*	+ 1 000
N5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N5	+ 0

18. **Is-Servizzi assoċjati ma' l-użu ta' l-oriġinali tad-divertiment, letterarji u artistiċi**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Konfini tal-produzzjoni	309 (*b*)	3.67
Id-Dħul mill-Proprjetà	436 (*ċ*)	

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

Fl-ESA 95 il-pagamenti għall-liċenzi sabiex jitużaw oriġinali tad-divertiment, letterarji u artistiċi huma rreġistrati bħala bejgħ u xiri tas-servizzi. Fl-*ESA 79* dawn il-pagamenti ġew ittrattati bħala dħul mill-proprjetà.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Is-soltu, il-pagamenti għad-drittijiet ta' l-awtur iridu jsiru minn dawk li jippubblikaw sabiex jiksbu l-liċenza għalbiex jużaw id-drittijiet ta' l-awtur ta' l-artisti, eċċ. L-użu ta' dawn is-servizzi irid għalhekk jidher b'mod predominanti bħala konsum intermedju biż-żieda ta' l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet. Dawn ta' l-aħħar jinħolqu minħabba li dawk li jippublikaw li ma jkunux residenti jiksbu l-liċenza sabiex jużaw id-drittijiet ta' l-awtur ta' l-artisti tal-post u bil-maqlub.

Rigward l-artisti eċċ. li jinfurzaw id-drittijiet tagħhom ta' l-awtur, dawn xi mdaqqiet joħolqu l-ħtieġa li jinvolvu intermedjarju li l-funzjoni tiegħu tkun li jżomm it-traċċa ta' meta u fejn il-kotba jiġu ppubblikati, ir-reġistrazzjonijiet imdaqqa u d-drammi mtellgħa. Din in-nefqa hija kklassifikata mill-ġdid mill-konsum finali tal-familji għall-konsum intermedju. Madankollu, dawn is-servizzi jridu fil-biċċa l-kbira jiġu mixtrija minn dawk li jippubblikaw aktar milli mill-artisti nfushom, f'liema każ ikunu ġew rreġistrati l-ewwel bħala konsum intermedju.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni togħla bil-bejgħ tas-servizzi tal-liċenzi flimkien ma' kull servizz mixtri mill-produtturi mhux tas-suq. Il-konsum intermedju ta' dawk mill-post li jippubblikaw jogħla bl-istess ammont nieqes l-esportazzjonijiet netti tas-servizzi tad-drittijiet ta' l-awtur. B'żieda ma' dan, l-artisti nfushom jistgħu jidħlu għal nefqiet ta' konsum intermedju fil-għamla ta' pagamenti lill-intermedjarji (l-aġenti). Il-valur miżjud jinbidel bid-differenza bejn dawn l-ammonti. Is-sinjal ma jistax jiġi stabbilit *a priori*.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum finali tal-familji jaqa' b'kull pagament lill-aġenti kklassifikat mill-ġdid mill-konsum finali tal-familji għall-konsum intermedju. B'żieda ma' dan, il-pagamenti għas-servizzi tad-drittijiet ta' l-awtur lil u mill-bqija tad-dinja jridu issa jidhru bħala importazzjnijiet u esportazzjnijiet. Safejn u sakemm is-servizzi tad-drittijiet ta' l-awtur ikunu miksuba mill-produtturi mhux tas-suq, il-konsum kollettiv irid jogħla kif jixraq.

Fl-avviċinament skond id-dħul, il-bidla fl-ammont żejjed gross operattiv isegwi mill-bidla fil-valur miżjud.

Kif jidher mit-tliet avviċinamenti, is-sinjal ta' l-effett fuq il-PGD ma jistax jiġi stabbilit *a priori*. Rigward il-mogħdija mill-PGD għall-PGN, il-pagamenti għal-liċenza sabiex jintużaw l-oriġinali artistiċi jiġu kklassifikati mill-ġdid mid-dħul mill-proprjetà lejn u mill-bqija tad-dinja għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tas-servizzi, li jagħmlu l-effett fuq it-transazzjonijiet mar-*ROW* newtrali fejn jidħol il-PGN. Bħall-effett fuq il-PGD, is-sinjal ta' l-impatt fuq il-PGN ma jistax jiġi stabbiliti *a priori*.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li jeżistu pagamenti minn dawk tal-post li jippubblikaw lill-artisti residenti li jwasslu għal 1 000 u li l-artist ma jidħol għall-ebda nefqa tal-konsum intermedju meta jbigħ il-liċenza sabiex jintużaw l-oriġinali. Nassumu wkoll illi l-importazzjonijiet ta' dawn is-servizzi huma egwali għal 100 u l-esportazzjonijiet għal 300. It-transazzjonijiet kollha ta' l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet huma ma dawk li jippubblikaw u mhux ma' l-artisti nfushom.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ippargunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 1 300	*P*20	+ 1 100
*P*60	+ 100	*P*50	+ 300

Il-Kont tal-produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P 20	+ 1 100	*P*10	+ 1 300
*N*1	+ 200		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		*N*1	+ 200
*N*2	+ 200		

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*R*40	– 100	*N*2	+ 200
*N*3	+ 0	*R*40	– 300

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*N*4	+ 0	*N*3	+ 0

Il-Kont tal-Kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*N*5	+ 0	*N*4	+ 40

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		*N*5	+ 0

19. **Il-Garaxxijiet**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Kiri imputat	315 (*i*)	3.64

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 95* tiddikjara illi l-garaxxijiet użati minn sid ta' post tal-għixien għall-għanijiet tal-konsum finali, jiġu inklużi fil-produzzjoni imputata tas-servizzi tal-postijiet tal-għixien saħansitra jekk ikunu separati mill-post tal-għixien. L-*ESA 79* ma tagħti ebda gwida espliċita dwar dawn il-garaxxijiet. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/309/KE, *Euratom* [1] dwar il-prinċipji sabiex jiġu stmati s-servizzi tal-postijiet tal-għixien, tiċċara l-*ESA 79* rigward il-postijiet tal-għixien. Tistabbilixxi illi l-garaxxijiet biss li jagħmlu parti integrali mill-postijiet tal-għixien iridu jiġu inklużi fil-kalkolu tal-kiri attwali u imputat tal-postijiet tal-għixien. Għalhekk teżisti differenza fit-trattament tal-garaxxijiet użati għall-għanijiet tal-konsum finali li jkunu lokati b'mod separat mill-postijiet tal-għixien.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

L-inklużjoni tal-kiri imputat ta' ċerti garaxxijiet ippossjeduti minn sidien li joqogħdu fihom fl-isfera tal-produzzjoni taffettwa l-produzzjoni, il-valur miżjud, il-konsum finali tal-familji u l-ammont żejjed gross operattiv.

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni tiżdied bil-kera imputata tal-garaxxijiet ippossjeduti mis-sidien li joqogħdu fihom inkluża filwaqt li l-konsum intermedju jogħla bl-ispejjeż tat-tiswija u l-manutenzjoni assoċjati ma' dawn il-garaxxijiet. Il-valur miżjud jiżdied bid-differenza bejn dawn iż-żewġ ammonti.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum finali tal-familji jiżdied bil-kera imputata nieqsa kull spejjeż tat-tiswija u l-manutenzjoni.

Fl-avviċinament skond id-dħul, l-ammont żejjed gross operattiv jogħla b'mod korrispondenti mal-bidla fil-valur miżjud.

Jekk nassumu li l-kiri imputat irid dejjem jaqbeż l-ispejjeż tat-tiswija u l-manutenzjoni, il-bidla fit-trattament ta' ċerti garaxxijiet twassal għal żieda fil-PGD.

Jekk ma nagħtu każ ta' ebda effett indirett fuq il-proprjetà assoċjata mal-garaxxijiet ippossjeduti mis-sidien li joqogħdu fihom mhux residenti, l-effet fuq il-PGN irid ikun egwali għal dak fuq il-PGD.

Eżempju numeriku

Ejja nassumu li l-kiri imputat ta' 1 000 tal-garaxxijiet jiġi inkluż fil-produzzjoni tas-servizzi tal-postijiet tal-għixien, u li l-konsum intermedju (l-ispejjeż korrenti) huma egwali għal 50. L-ebda wieħed mill-garaxxijiet ma huwa ppossjedut minn dawk mhux residenti, u lanqas ma r-residenti jippossjiedu garaxxijiet fejn jgħixu s-sidien ma jridu jiġu inklużi barra mill-pajjiż.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 1 000	*P20*	+ 50
		P3B	+ 950

Il-Kont tal-produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P20	+ 50	*P10*	+ 1 000
N1	+ 950		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N1	+ 950
N2	+ 950		

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N2	+ 950
N3	+ 950		

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P3A	+ 950	*N3*	+ 950
N4	+ 0		

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N4	+ 0
N5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N5	+ 0

[1] ĠU Nru L 186, tal-5.8.1995, p. 59. 1995, p. 59.

20. **It-Taxxi fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi mħallsa mill-familji**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
It-Taxxi	414	4.14
It-Taxxi fuq il-prodotti	417.1	4.20 (*d*)

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 79* ma tagħti l-ebda gwida espliċita dwar it-taxxi tar-reġistrazzjonijiet tal-karozzi mħallsa mill-familji. Madankollu l-iskop tat-taxxi marbuta mal-produzzjoni kien ristrett għall-imposti fuq l-unitajiet tal-produtturi. L-interpretazzjoni tas-soltu ta' l-*ESA 79* hija li, b'kontumaċja, it-taxxi tar-reġistrazzjonijiet tal-karozzi mħallsa mill-familji għandhom jiġu rreġistrati taħt it-trasferimenti mixxellanji korrenti.

L-*ESA 95* tiddikjara illi t-taxxi tar-reġistrazzjonijiet tal-karozzi jiġu rreġistrati taħt it-taxxi fuq il-prodotti. L-iskop tat-taxxi fuq il-prodotti skond l-*ESA 95* huwa wkoll mhux ristrett iktar għat-taxxi li jridu jitħallsu mill-unitajiet tal-produtturi.

It-taxxi tar-reġistrazzjonijiet tal-karozzi li jridu jitħallsu mill-familji fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi jiġu kklassifikati mill-ġdid minn (presumibbilment) it-trasferimenti mixxellanji korrenti (*R69*) għat-taxxi fuq il-prodotti (*R221*).

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni u l-valur miżjud bil-prezzijiet tal-produtturi (il-kunċett ta' l-*ESA 79*) jogħla bl-ammont ikklassifikat mill-ġdid. Il-produzzjoni u l-valur miżjud bil-prezzijiet bażiċi (il-kunċett ta' l-*ESA 95*) ma jinbidlux.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum finali tal-familji jiżdied bit-taxxi kklassifikati mill-ġdid fuq il-karozzi.

Fl-avviċinament skond id-dħul, it-taxxi marbuta mal-produzzjoni u l-importazzjonijiet jogħlew bl-ammont ikklassifikat mill-ġdid.

Kollox ma' kollox. l-impatt fuq il-PGD huwa pożittiv b'mod mhux ambigwu. Fin-nuqqas ta' kull influwenza fil-mogħdija mill-PGD għall-PGN, l-effett fuq il-PGN huwa egwali għal dak fuq il-PGD.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li t-taxxi tar-reġistrazzjonijiet tal-karozzi li jiswew 1 000 pagabbli mill-konsumaturi jiġu kklassifikati mill-ġdid għal taxxi fuq il-prodotti.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistraxxjonijiet sond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
P10	+ 1 000	*P3B*	+ 1 000

Il-Kont tal-produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P10	+ 1 000	*R2210*	+ 1 000
N1	+ 1 000		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N1	+ 1 000		
N2	+ 800		

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
N2	+ 0		
N3	+ 1 000	*R221*	+ 1 000

L-użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P3A	+ 1 000	*N3*	+ 1 000
N4	+ 0		

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N4	+ 0
N5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		N5	+ 0

21. **Il-kumpens in natura ta' l-impjegati**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
Il-Konsum intermedju	324 (*a*)	3.71 (*b*)
Il-Konsum finali tal-familji	330 (*e*) 628 in-nota 1 fil-qiegħ tal-paġna	3.76 (*b*)
Il-kumpens ta' l-impjegati	408 (*j*), 409 (*a*)	4.05, 4.06

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

Jeżistu żewġ bidliet introdotti bl-*ESA 95*.

L-*ESA 95* tinkludi l-provvediment tal-faċilitajiet ta' l-isport u r-rikrezzjoni għall-impjegati u l-familji tagħhom mal-kumpens in-natura lill-impjegati, filwaqt li l-*ESA 79* eskludiet b'mod espliċitu dawn l-ammonti mid-dħul in natura, fiwaqt li tiddikjara illi, minflok, dawn għandhom jiġu rreġistrati taħt il-konsum intermedju ta' min iħaddem.

B'żieda ma' dan, teżisti differenza fil-valutazzjoni ta' l-oġġetti u s-servizzi prodotti akkont tagħhom infushom ipprovvduti lill-impjegati minn min iħaddimhom. Fl-*ESA 95*, dawn huma vvalutati bil-prezzijiet bażiċi. Fl-*ESA 79*, huma vvalutati bis-somma ta' l-ispejjeż tal-produzzjoni (jiġifieri, il-profitt tal-produtturi huwa bi ftehim taċitu egwali għal żero).

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni tiżdied fil-każ tal-prodotti prodotti akkont tagħhom infushom forniti lill-impjegati (il-kontra tal-prodotti mixtrija minn għand produtturi oħra). Il-konsum intermedju jaqa' ġaladarba ċerti ħaġiet ta' nefqa (ix-xiri minn għand produtturi oħra) jiġu kklassifikati mill-ġdid mill-konsum intermedju għall-konsum finali. Il-valur miżjud jiżdied fit-tnejn.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum finali tal-familji jiżdied biż-żieda fil-valur tad-dħul in natura.

Fl-avviċinament skond id-dħul, il-kumpens lill-impjegati jiżdied bl-istess ammont bħall-konsum finali tal-familji.

Il-PGD jiżdied biż-żieda fil-kumpens in natura. Il-mogħdija mill-PGD għall-PGN trid tiġi influwenzata b'kull ħaġa in natura b'kumpens lill-impjegati lejn u mir-*ROW*, filwaqt li tħalli s-sinjal ta' l-impatt fuq il-PGN mhux stabbilit *a priori* għalkemm prattikament ċert li jkun pożittiv fil-prattika.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li l-valur ta' l-oġġetti u s-servizzi akkont tagħhom infushom ipprovvduti lill-impjegati jiżdied b'500. Nassumu wkoll illi prodotti li jiswew 500 jiġu kklassifikati mill-ġdid mill-konsum intermedju in natura ta' l-impjegati. Il-kumpens ta' l-impjegati lejn u mir-*ROW* ma jintmessx bil-bidla fil-kunċett.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-riżorsi		L-Użi	
*P*10	+ 500	*P*20	– 500
		*P*3*B*	+ 1 000

Il-Kont tal-produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*P*20	– 500	*P*10	+ 500
*N*1	+ 1 000		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*R*10	+ 1 000	*N*1	+ 1 000
*N*2	+ 0		

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		*N*2	+ 0
*N*3	+ 1 000	*R*10	+ 1 000

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*P*3*A*	+ 1 000	*N*3	+ 1 000
*N*4	+ 0		

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		*N*4	+ 0
*N*5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinjaa

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		*N*5	+ 0

12. Liċenzi sabiex jintużaw f'attivi intanġibbli u mhux prodotti

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
L-attivi intanġibbli u mhux prodotti	309 (*b*)	7.43
Id-Drittijiet ta' l-awtur	436 (*ċ*)	3.70 (*f*)

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

Fl-*ESA 95*, il-bejgħ u x-xiri tal-liċenzi għall-użu ta' attivi intanġibbli u mhux prodotti (il-patentijiet, il-marki tal-fabbrika, id-drittijiet ta' l-awtur, eċċ.) jiġu rreġistrati taħt il-produzzjoni u l-konsum rispettivament. Fl-*ESA 79*, dawn il-pagamenti jitqiesu bħala pagamenti tad-dħul mill-proprjetà.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond l-produzzjoni, il-produzzjoni togħla bil-valur tal-pagamenti ta' dawn il-liċenzi rċevuti mill-produtturi residenti tas-suq. Il-konsum intermedju jiżdied bil-pagamenti mill-produtturi tal-post lis-sidien residenti kif ukoll mhux residenti ta' l-attivi intanġibbli bażiċi. Is-sinjal ta' l-impatt fur il-valur miżjud għalhekk ma jistx jiġi stabbilit *a priori*.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum finali tal-familji jiżdied bil-pagamenti tal-liċenzi (jekk ikun hemm minnhom) imħallsa mill-familji fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi. Il-konsum kollettiv jiżdied bl-ammont tal-pagamenti nieqsa l-irċevuti tad-drittijiet ta' l-awtur mill-produtturi mhux tas-suq. L-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet jiżdiedu bl-ammot tal-pagamenti tal-liċenzi lejn u mir-*ROW*.

Fl-avviċinament skond id-dħul, l-ammont żejjed gross operattiv jinbidel bl-istess kobor bħall-valur miżjud.

Minħabba t-transazzjonijiet mar-*ROW*, is-sinjal ta' l-impatt fuq il-PGD ma jistax jiġi stabbiliti *a priori*. Fil-mogħdija mill-PGD għall-PGN id-dħul mill-proprjetà jaqa' bl-ammonti kklassifikati mill-ġdid għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tas-servizzi. Sakemm mill-inqas komponent wieħed ta' l-użi finali domestiċi jiżdied bħala konsegwenza tal-bidla konċettwali, is-sinjal ta' l-impatt fur il-PGN irid ikun pożittiv.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li r-residenti jirċievu pagamenti tal-liċenzi ta' 1 000 u jkollhom ħruġ ta' 700. Il-produtturi mhux tas-suq għandhom nefqiet fuq il-liċenzi għad-drittijiet ta' l-awtur ta' 50 u ma għandhom l-ebda rċevuta. L-esportazzjonijiet tas-servizzi tal-liċenzi huma egwali għal 500 u l-importazzjonijiet għal 200. Il-familji bħala konsumaturi ma jidħlu għall-ebda pagament tal-liċenzi.

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-resġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
*P*10	+ 1 050	*P*20	+ 700
*P*60	+ 200	*P*3*B*	+ 50
		*P*50	+ 500

Il-Kont tal-produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
P 20	+ 700	*P*10	+ 1 050
*N*1	+ 350		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		*N*1	+ 350
*N*2	+ 350		

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*R*40	– 200	*N*2	+ 350
*N*3	+ 50	*R*40	– 500

L-Użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*P*3*A*	+ 50	*N*3	+ 50
*N*4	+ 0		

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		*N*4	+ 0
*N*5	+ 0		

Il-Kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		*N*5	+ 0

23. **It-Taxxi tal-bolol**

Il-Kliem ċavetta

	L-*ESA 79*	L-*ESA 95*
It-Taxxi fuq il-prodotti	417.2	4.20
Taxxi oħra marbuta mal-produzzjoni / Trasferimenti mixxellanji korrenti	417.3, 495	4.23

Id-Deskrizzjoni tal-bidla

L-*ESA 95* tiddikjara illi t-taxxi tal-bolol jiġu rreġistrati taħt it-taxxi fuq il-prodotti. L-*ESA 79* tittratta t-taxxi tal-bolol imħallsa mill-produtturi bħala taxxi oħra marbuta mal-produzzjoni *R22*. Ma jingħataw ebda struzzjonijiet espliċiti li jirrigwardaw dawn it-taxxi tal-bolol imħallsa mill-familji fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi. Fin-nuqqas ta' istruzzjonijiet għall-kuntrarju dawn it-taxxi tal-bolol huma għalhekk irreġistrati bħala transferimenti mixxellanji korrenti *R69*.

Il-Konsegwenzi tal-bidla

Fl-avviċinament skond il-produzzjoni, il-produzzjoni tiżdied bl-ammont totali tat-taxxi tal-bolol. Il-konsum intermedju jogħla b'dik il-parti tat-taxxi tal-bolol li titħallas mill-produtturi. Il-valur miżjud jogħla bid-differenza bejn it-total tat-taxxi tal-bolol u t-taxxi tal-bolol inklużi fil-konsum intermedju tal-produtturi tas-suq u mhux tas-suq.

Fl-avviċinament skond in-nefqa, il-konsum finali tal-familji jiżdied bit-taxxi tal-bolol imħallsa mill-familji fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi. Il-formazzjoni tal-kapital fiss gross togħla bl-ammont tat-taxxi tal-bolol fuq l-ispejjeż tat-trasferiment.

Fl-avviċinament skond id-dħul, il-bidla fl-ammont żejjed gross operattiv hija identika għal dik tal-valur miżjud.

L-impatt fur il-PGD huwa deċiżament pożittiv. Billi l-mogħdija mill-PGD għall-PGN ma tiġix affettwata mill-bidla konċettwali, l-impatt fuq il-PGN jegwalja lil dak fuq il-PGD.

Eżempju numeriku

Ejja ngħidu li taxxi tal-bolol li jittotalizza 500 jiġu kklassifikati mill-ġdid minn taxxi oħra marbuta mal-produzzjoni għal taxxi fuq il-prodotti u li t-trasferimenti mixxellanji korrenti ta' 500 jiġu kklassifikati mill-ġdid għal taxxi fuq il-prodotti. Mit-taxxi tal-bolol imħallsa mill-produtturi, 250 għandhom x'jaqsmu mal-prduzzjoni intermedja u 250 mal-formazzjoni tal-kapital fiss gross (l-ispejjeż tat-traferimenti).

It-trattament tal-kontabbiltà fil-Kontijiet Issimplifikati għan-Nazzjon: il-bidliet ipparagunati mar-reġistrazzjoni skond ir-regoli ta' l-*ESA 79*.

Il-Kont ta' l-oġġetti u s-servizzi

Ir-Riżorsi		L-Użi	
*P*10	+ 1 000	*P*20	+ 250
		*P*3*B*	+ 500
		*P*41	+ 250

Il-Kont tal-produzzjoni

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*P*20	+ 250	*P*10	+ 1 000
*N*1	+ 750		

Il-Kont tal-ġenerazzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*R*20	+ 500	*N*1	+ 750
*N*2	+ 250		

Il-Kont tad-distribuzzjoni tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
		*N*2	+ 250
*N*3	+ 750	*R*20	+ 500

L-użu tal-kont tad-dħul

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*P*3*A*	+ 500	*N*3	+ 750
*N*4	+ 250		

Il-Kont tal-kapital

L-Użi		Ir-Riżorsi	
*P*41	+ 250	*N*4	+ 250
*N*5	+ 0		

Il-kont tal-bqija tad-dinja

L-Użi	Ir-Riżorsi	
	*N*5	+ 0